



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 21.11.2011
KUMM(2011) 764 finali

2011/0358 (COD)

**IL-PAKKETT TAL-ALLINJAMENT TAL-QAFAS LEĠIŻLATTIV ĠDID (QLĠ) (L-
Implimentazzjoni tal-Pakkett tal-Prodotti)**

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mad-
disponibilità fis-suq ta' oġġetti pirotekniċi**

(Riformulazzjoni)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Kuntest ġenerali, raġunijiet għal u għanijiet tal-proposta

Din il-proposta hija ppreżentata fil-qafas tal-**implimentazzjoni tal-"pakkett dwar il-prodotti"** adottat fl-2008. Din tagħmel parti minn pakkett ta' proposti li jallinjaw għaxar direttivi dwar il-prodotti mad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE li tistabbilixxi qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti.

Il-leġislazzjoni tal-Unjoni (UE) dwar l-armonizzazzjoni li tassigura l-moviment liberu tal-prodotti kkontribwixxiet konsiderevolment għat-tlestija u t-tħaddim tas-Suq Uniku. Din hi msejsa fuq livell għoli ta' ħarsien u ttiprovdi lill-operaturi ekonomiċi bil-mezzi biex juru l-konformità, u b'hekk tassigura l-moviment liberu permezz ta' fiduċja fil-prodotti.

Id-Direttiva 2007/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 dwar it-tqegħid fis-suq tal-oġġetti pirotekniċi hija eżempju ta' dik il-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni, li tiżgura l-moviment liberu tal-oġġetti pirotekniċi. Din tistipula rekwiżiti ta' sikurezza li magħhom għandhom jikkonforma l-oġġetti pirotekniċi sabiex ikunu disponibbli fis-suq tal-UE. Il-manifatturi għandhom juru li l-oġġett pirotekniku ġie ddisinjat u mmanifatturat b'konformità mar-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali u jwaħħlu l-marka CE.

L-esperjenza tal-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni wriet – fuq skala ta' diversi setturi – ċerti dgħufijiet u inkonsistenzi fl-implimentazzjoni u fl-infurzar ta' din il-leġislazzjoni, li jwasslu għal dan li ġej:

- il-preżenza fis-suq ta' prodotti perikolużi jew mhux konformi u konsegwentement ċertu nuqqas ta' fiduċja fil-marka CE
- żvantaġġi kompetittivi għall-operaturi ekonomiċi li jikkonformaw mal-leġislazzjoni għall-kuntrarju ta' dawk li jaħarbu mir-regoli
- trattament mhux ugwali fil-każ ta' prodotti li ma jikkonformawx u tgħawwiġ tal-kompetizzjoni fost l-operaturi ekonomiċi minħabba Prattiki ta' infurzar differenti
- Prattiki differenti fid-deżinjazzjoni tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità mill-awtoritajiet nazzjonali
- problemi bil-kwalità ta' ċerti korpi notifikati

Barra minn hekk, l-ambjent regolatorju sar aktar u aktar kumpless, billi ta' spiss diversi biċċiet ta' leġislazzjoni japplikaw fl-istess waqt għall-istess prodott wieħed. L-inkonsistenzi f'dawn il-biċċiet ta' leġislazzjoni jagħmluha dejjem aktar diffiċli għall-operaturi ekonomiċi u għall-awtoritajiet biex jinterpretaw u japplikaw b'mod korrett dik il-leġislazzjoni.

Sabiex jiġu rrimedjati dawn in-nuqqasijiet orizzontali fil-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni li ġew osservati f'diversi setturi industrijali, fl-2008 ġie adottat il-**"Qafas Leġislattiv Ġdid"** bħala parti mill-**pakkett dwar il-prodotti**. L-għan tiegħu huwa li jsaħħaħ u jikkompleta r-regoli eżistenti u li jtejjeb l-aspetti prattiċi tal-applikazzjoni u l-infurzar tagħhom. Il-Qafas Leġislattiv Ġdid (QLĠ) jikkonsisti f'żewġ strumenti komplementari, **ir-**

Regolament (KE) Nru 765/2008 dwar l-akkreditament u s-sorveljanza tas-suq u d-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE li tistabbilixxi qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti.

Ir-Regolament tal-QLĠ introduċa regoli ġodda dwar l-akkreditament (għodda għall-evalwazzjoni tal-kompetenza tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità) u rekwiżiti għall-organizzazzjoni u l-prestazzjoni tas-sorveljanza tas-suq u l-kontrolli tal-prodotti minn pajjiżi terzi. Mill-1 ta' Jannar 2010 dawn ir-regoli japplikaw direttament fl-Istati Membri kollha.

Id-Deċiżjoni tal-QLĠ tistabbilixxi qafas komuni għal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-armonizzazzjoni tal-prodotti. Dan il-qafas jikkonsisti fid-dispożizzjonijiet li jintużaw komunement fil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-prodotti (eż. id-definizzjonijiet, l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi, il-korpi notifikati, il-mekkaniżmi ta' salvagwardja, eċċ.). Dawn id-dispożizzjonijiet komuni ġew infurzati biex jiġi żgurat li d-direttivi jistgħu jiġu applikati u infurzati fil-prattika, b'mod aktar effettiv. Ġew introdotti elementi ġodda, bħall-obbligi għall-importaturi, li huma kruċjali għat-titjib tas-sikurezza tal-prodotti fis-suq.

Id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-QLĠ u dawk tar-Regolament tal-QLĠ huma komplementari u interkonnessi mill-qrib. Id-Deċiżjoni tal-QLĠ tinkludi l-obbligi korrispondenti għall-operaturi ekonomiċi u l-korpi notifikati, filwaqt li tippermetti lill-awtoritajiet għas-sorveljanza tas-suq u lill-awtoritajiet responsabbli għall-korpi notifikati, li jwettqu b'mod xieraq l-kompiti li ġew imposti lilhom bir-Regolament tal-QLĠ u jiżguraw l-infurzar effettiv u konsistenti tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-prodotti.

Madankollu, għall-kuntrarju tar-Regolament tal-QLĠ, id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-QLĠ ma japplikawx direttament. Sabiex jiġi żgurat li s-setturi ekonomiċi kollha suġġetti għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni, jibbenefikaw mit-titjib tal-QLĠ, jeħtieġ li d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-QLĠ jiġu integrati fil-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-prodotti.

Skont l-istħarriġ li sar wara l-adozzjoni tal-pakkett dwar il-prodotti fl-2008, il-biċċa l-kbira tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni tal-prodotti kellha tiġi riveduta fit-tliet snin ta' wara, mhux biss biex jiġu indirizzati l-problemi osservati fis-setturi kollha iżda wkoll għal raġunijiet speċifiċi għas-settur. Kwalunkwe reviżjoni bħal din tkun tinkludi awtomatikament allinjament tal-leġiżlazzjoni kkonċernata mad-Deċiżjoni tal-QLĠ billi l-Parlament, il-Kunsill, u l-Kummissjoni kkommettew irwieħhom li jużaw kemm jista' jkun id-dispożizzjonijiet tagħha fil-leġiżlazzjoni futura dwar il-prodotti sabiex tissokta l-aktar koerenza possibbli tal-qafas regolatorju.

Għal għadd ta' direttivi oħra tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni, inkluża d-Direttiva 2007/23/KE dwar it-tqegħid fis-suq tal-oġġetti pirotekniċi ma kienet prevista l-ebda reviżjoni għall-problemi speċifiċi għas-settur f'dan il-perjodu ta' żmien. Sabiex jiġi żgurat li l-problemi marbuta man-nuqqas ta' konformità u mal-korpi notifikati, jiġu indirizzati f'dawn is-setturi, u għal raġunijiet ta' konsistenza tal-ambjent regolatorju ġenerali dwar il-prodotti, ġie deċiż li dawn id-direttivi jiġu allinjati f'pakkett mad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-QLĠ.

Konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra tal-Unjoni

Din l-inizjattiva hija konformi mal-Att dwar is-Suq Uniku¹, li permezz tiegħu ġiet enfasizzata l-ħtieġa li terġa' tinkiseb il-fiduċja tal-konsumaturi fil-kwalità tal-prodotti fis-suq u l-importanza li tiġi infurzata s-sorveljanza tas-suq.

Barra minn hekk, din issostni l-politika tal-Kummissjoni dwar Regolamentazzjoni Aħjar u semplifikazzjoni tal-ambjent regolatorju.

2. KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJET INTERESSATI U VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Konsultazzjoni tal-partijiet interessati

L-allinjament tad-Direttiva 2007/23/KE dwar it-tqegħid fis-suq tal-oġġetti pirotekniċi mad-Deċizzjoni tal-QLĠ ġie diskuss mal-esperti nazzjonali responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fil-grupp ta' ħidma piroteknika, mal-grupp ta' korpi notifikati, kif ukoll f'laqgħat bilaterali mal-assoċjazzjonijiet tal-industrija.

Bejn Ġunju u Ottubru 2010 ġiet organizzata konsultazzjoni pubblika li kienet tinkludi s-setturi kollha involuti f'din l-inizjattiva. Kienet tikkonsisti ferba' kwestjonarji mmirati għall-operaturi ekonomiċi, l-awtoritajiet, il-korpi notifikati u l-utenti u s-servizzi tal-Kummissjoni rċevew 300 tweġiba. Ir-risultati jinsabu ppubblikati fuq:

http://ec.europa.eu/enterprise/policies/single-market-goods/regulatory-policies-common-rules-for-products/gdid-legislative-framework/index_en.htm

Minbarra l-konsultazzjoni ġenerali, twettqet ukoll konsultazzjoni speċifikat mal-SMEs. F'Mejju u Ġunju 2010 ġew ikkonsultati 603 SME permezz tan-Netwerk Ewropew tal-Intrapriżi. Ir-risultati huma disponibbli fuq http://ec.europa.eu/enterprise/policies/single-market-goods/files/gdid-legislative-framework/smes_statistics_en.pdf

Il-proċess ta' konsultazzjoni wera li hemm sostenn mifrux għall-inizjattiva. Teżisti unanimità fir-rigward tal-ħtieġa ta' titjib tas-sorveljanza tas-suq u tas-sistema għall-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-Korpi Notifikati. L-awtoritajiet isostnu bis-sħiħ l-eżerċizzju għaliex dan se jsaħħaħ is-sistemi eżistenti u jtejjeb il-kooperazzjoni fil-livell tal-UE. L-industrija tippretendi kundizzjonijiet aktar indaq li jirriżultaw minn azzjonijiet aktar effettivi kontra l-prodotti li ma jikkonformawx mal-leġiżlazzjoni, kif ukoll effett ta' semplifikazzjoni permezz tal-allinjament tal-leġiżlazzjoni. Ġie espress ċertu tħassib dwar xi obbligi li huma, madankollu, indispensabbli biex tiżdied l-effiċjenza tas-sorveljanza tas-suq. Dawn il-miżuri mhumiex se jimplikaw spejjeż sinifikanti għall-industrija, u l-benefiċċji li jirriżultaw mit-titjib tas-sorveljanza tas-suq għandhom jipprevalu ferm fuq l-ispejjeż.

Il-ġbir u l-użu tal-parir espert

Il-valutazzjoni tal-impatt għal dan il-pakkett ta' implimentazzjoni hi fil-biċċa l-kbira msejsa fuq il-valutazzjoni tal-impatt imwettqa għall-Qafas Leġiżlattiv Ġdid. Minbarra l-għarfien espert miġbur u analizzat f'dak il-kuntest, twettqet konsultazzjoni ulterjuri mal-esperti speċifiċi għas-settur u mal-gruppi interessati, kif ukoll mal-esperti orizzontali li huma attivi

¹ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni, COM(2011) 206 finali.

fil-qasam tal-armonizzazzjoni teknika, il-valutazzjoni tal-konformità, l-akkreditament u s-sorveljanza tas-suq.

Valutazzjoni tal-impatt

Il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt, imsejsa fuq it-tagħrif miġbur, li teżamina u tqabbel tliet għażliet.

L-Għażla 1 – L-ebda tibdil fil-qagħda attwali

Din l-għażla tipproponi li ma jsir l-ebda tibdil fid-direttiva attwali u sserraħ esklużivament fuq ċertu titjib li jista' jkun mistenni mir-Regolament tal-QLĠ.

L-Għażla 2 – Allinjament tad-Deċiżjoni tal-QLĠ permezz tal-miżuri mhux leġiżlattivi

L-Għażla 2 tqis il-possibbiltà li jitħeġġeġ allinjament volontarju mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-QLĠ, pereżempju, billi jiġu ppreżentati bħala l-aħjar prassi fid-dokumenti ta' gwida.

L-Għażla 3 – Allinjament tad-Deċiżjoni tal-QLĠ permezz tal-miżuri leġiżlattivi

Din l-għażla tikkonsisti fl-integrazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-QLĠ fid-Direttivi eżistenti.

L-Għażla 3 tqieset bħala l-għażla preferuta għaliex:

- se ttejjeb il-kompetittività tal-kumpaniji u l-korpi notifikati billi tieħu l-obbligi tagħhom bis-serjetà, għall-kuntrarju ta' dawk li jqarrqu bis-sistema;
- se ttejjeb il-funzjonament tas-suq intern billi tiżgura t-trattament indaqs tal-operaturi ekonomiċi kollha, partikolarment l-importaturi u d-distributori, kif ukoll il-korpi notifikati;
- ma timplikax spejjeż sinifikanti għall-operaturi ekonomiċi u l-korpi notifikati; għal dawk li diġà qed jaġixxu b'mod responsabbli, mhumiex mistennija spejjeż żejda jew mistennija biss spejjeż negliġibbli;
- din l-għażla titqies aktar effettiva mill-Għażla 2: minħabba n-nuqqas ta' inforzabbiltà tal-Għażla 2, hemm dubju dwar kemm l-impatti pożittivi se jimmaterjalizzaw ruħhom skont dik l-għażla;
- l-Għażliet 1 u 2 ma jagħtux tweġibiet għall-problema tal-inkonsistenzi fil-qafas regolatorju u għalhekk, ma għandhom l-ebda impatt pożittiv fuq is-semplifikazzjoni tal-ambjent regolatorju.

3. ELEMENTI EWLENIN TAL-PROPOSTA

3.1. Definizzjonijiet orizzontali

Il-proposta tintroduċi definizzjonijiet armonizzati tat-termini li huma komunement użati fil-leġiżlazzjoni kollha tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni u għandha għalhekk tingħata tifsira konsistenti f'dik il-leġiżlazzjoni kollha.

3.2. L-obbligi tal-operaturi ekonomiċi u r-reqwiziti ta' traċċabbiltà

Il-proposta tikkjarifika l-obbligi tal-manifatturi u tintroduċi l-obbligi għall-importaturi u d-distributuri. L-importaturi għandhom jivverifikaw li l-manifattur ikun wettaq il-proċedura ta' valutazzjoni ta' konformità applikabbli u jkun ħejja d-dokumentazzjoni teknika. Dawn għandhom jiżguraw ukoll, flimkien mal-manifattur, li din id-dokumentazzjoni teknika tkun għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet wara talba. Barra minn hekk, l-importaturi għandhom jivverifikaw li l-oġġetti pirotekniċi huma mmarkati b'mod korrett u akkumpanjat mill-istruzzjonijiet u mill-informazzjoni dwar is-sikurezza. Għandhom iżommu kopja tad-Dikjarazzjoni ta' konformità u jindikaw isimhom u l-indirizz tagħhom fuq il-prodott, jew fejn dan ma jkunx possibbli fuq l-imballaġġ jew id-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament. Id-distributuri għandhom jivverifikaw li l-oġġetti pirotekniċi jkollhom fuqhom l-marka CE, l-isem tal-manifattur u tal-importatur, jekk ikun rilevanti, u li jkunu akkumpanjati mid-dokumentazzjoni u l-istruzzjonijiet meħtieġa.

L-importaturi u d-distributuri għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq u jieħdu l-azzjonijiet xierqa meta jkunu forġdid oġġetti pirotekniċi mhux konformi.

L-obbligi ta' traċċabbiltà msaħħa huma introdotti għall-operaturi ekonomiċi kollha. L-oġġetti pirotekniċi għandu jkollhom fuqhom l-isem u l-indirizz tal-manifattur kif ukoll numru li permezz tiegħu l-oġġett jista' jiġi identifikat u konness mad-dokumentazzjoni teknika tiegħu. Meta l-oġġett pirotekniċu jiġi importat, għandu jkun hemm ukoll l-isem u l-indirizz tal-importatur fuq l-oġġett pirotekniċu. Barra minn hekk, kull operatur ekonomiku għandu jkun kapaċi jidentifika quddiem l-awtoritajiet, l-operatur ekonomiku li jkun fornietu l-oġġett pirotekniċu jew li lilu jkun forna l-l-oġġett pirotekniċu.

3.3. Standards armonizzati

Il-konformità mal-istandards armonizzati tipprovdi għal suppożizzjoni ta' konformità mar-reqwiziti essenzjali. Fl-1 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea² li jstabilixxi qafas legali orizzontali għall-istandardizzazzjoni Ewropea. Il-proposta għar-Regolament tinkludi *inter alia* dispożizzjonijiet dwar talbiet ta' standardizzazzjoni mill-Kummissjoni lill-Organizzazzjoni tal-Istandardizzazzjoni Ewropea, dwar il-proċedura għall-oġġezzjonijiet għall-istandards armonizzati u dwar il-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati fil-proċess ta' standardizzazzjoni. Għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2007/23/KE li jkopru l-istess aspetti tħassru f'din il-proposta għal raġunijiet ta' ċertezza legali.

Id-dispożizzjoni li tikkonferixxi s-suppożizzjoni ta' konformità lill-istandards armonizzati ġiet modifikata biex tiċċara l-firxa tas-suppożizzjoni tal-konformità meta l-istandards ikopru biss parzjalment ir-reqwiziti essenzjali.

3.4. Il-valutazzjoni ta' konformità u l-marka CE

Id-Direttiva 2007/23/KE dwar it-tqegħid fis-suq tal-oġġetti pirotekniċi għażlet il-proċeduri ta' valutazzjoni ta' konformità xierqa li l-manifatturi għandhom japplikaw biex juru li l-oġġett pirotekniċu tagħhom jikkonforma mar-reqwiziti ta' sikurezza essenzjali. Il-proposta tallinja dawn il-proċeduri mal-verżjonijiet aġġornati tagħhom stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-QLĠ.

² COM(2011) 315 finali

Il-prinċipji ġenerali tal-marka CE huma stabbiliti fl-Artikolu 30 tar-Regolament 765/2008, filwaqt li d-dispożizzjonijiet dettaljati dwar it-twaħħil tal-marka CE mal-oġġetti pirotekniku jkunu ddaħħlu f'din il-proposta.

3.5. Korpi Notifikati

Il-proposta tinforza l-kriterji ta' notifika għall-korpi notifikati. Din tiċċara li s-sussidjarji jew is-sottokuntratturi għandhom jikkonformaw ukoll mar-rekwiżiti ta' notifika. Hemm introdotti rekwiżiti speċifiċi għall-awtoritajiet notifikanti, u hi riveduta l-proċedura għan-notifika tal-korpi notifikati. Il-kompetenza tal-korp notifikat għandha tintwera permezz ta' ċertifikat ta' akkreditament. Meta l-akkreditament ma jkunx intuża biex tiġi evalwata l-kompetenza ta' korp notifikat, in-notifika għandha tinkludi d-dokumentazzjoni li turi kif il-kompetenza ta' dak il-korp tkun ġiet evalwata. L-Istati Membri se jkollhom il-possibbiltà li joġġezzjonaw għan-notifika.

3.6. Is-sorveljanza tas-suq u l-proċedura tal-klawżola ta' salvagwardja

Il-proposta tirrevedi l-proċedura ta' klawżola ta' salvagwardja eżistenti. Din tintroduċi fażi ta' skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, u tispeċifika l-passi li jridu jittieħdu mill-awtoritajiet ikkonċernati, meta jinstab l-oġġett pirotekniku li ma jikkonformax. Proċedura ta' klawżola ta' salvagwardja reali, li twassal għal Deċiżjoni fil-livell tal-Kummissjoni dwar jekk miżura hijiex ġustifikata jew le – titnieda biss meta Stat Membru ieħor joġġezzjona għal miżura meħuda kontra oġġett pirotekniku. Fejn ma jkunx hemm nuqqas ta' qbil dwar il-miżura restrittiva meħuda, l-Istati Membri kollha għandhom jieħdu l-azzjoni xierqa fit-territorju tagħhom.

3.7. Kwistjonijiet speċifiċi għas-settur

Xi oġġetti pirotekniċi, notevolment oġġetti pirotekniċi tal-karozzi bħalma huma l-ġeneraturi tal-gass tal-airbag, fihom ammonti żgħar ta' aġenti detonattivi kummerċjali u esplużivi militari. Wara l-adozzjoni tad-Direttiva 2007/23/KE sar ovvju li mhux se jkun possibbli li dawn is-sustanzi jinbidlu f'addittivi f'kompożizzjonijiet strettament kombustivi, fejn jintużaw biex jittejjeb il-bilanċ enerġetiku. Għalhekk hu propost li jkun modifikat ir-rekwiżit ta' sikurezza essenzjali (4).

3.8. Komitoloġija u atti ddelegati

Id-dispożizzjonijiet dwar it-tħaddim tal-Kumitat dwar l-Esplużivi ġew adattati għar-regoli l-ġodda dwar l-atti ddelegati stabbiliti fl-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE u għad-dispożizzjonijiet ġodda dwar l-atti ta' implimentazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni³.

4. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Bażi legali

³ ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

Il-proposta hi msejsa fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Il-prinċipju ta' sussidjarjetà

Is-suq intern huwa kompetenza maqsuma bejn l-Unjoni u l-Istati Membri. Il-prinċipju ta' sussidjarjetà jiffaċċa b'mod partikolari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ġodda miżjuda li jimmiraw għat-titjib tal-infurzar effettiv tad-Direttiva 2007/23/KE dwar it-tqegħid fis-suq tal-oġġetti pirotekniċi, jiġifieri, l-obbligi tal-importatur u tad-distributur, id-dispożizzjonijiet ta' traċċabbiltà, id-dispożizzjonijiet dwar il-valutazzjoni u n-notifika tal-korpi notifikati, u l-obbligi ta' kooperazzjoni msaħħa fil-kuntest tal-proċeduri riveduti ta' salvagwardja u sorveljanza tas-suq.

L-esperjenza bl-infurzar tal-leġislazzjoni wriet li l-miżuri meħuda fil-livell nazzjonali wasslu għal approċċi diverġenti u għal trattament differenti tal-operaturi ekonomiċi fl-UE, u dan idgħajjef l-għan ta' din id-Direttiva. Jekk l-azzjonijiet jittieħdu fil-livell nazzjonali biex jindirizzaw il-problemi, hemm riskju li jinħolqu ostakli għall-moviment liberu tal-merkanzija. Barra minn hekk, l-azzjoni fil-livell nazzjonali hi limitata għall-kompetenza territorjali ta' Stat Membru. Fid-dawl tal-internazzjonalizzazzjoni akbar tal-kummerċ, l-għadd ta' każijiet transkonfinali qiegħed dejjem jiżdied. Il-miri stabbiliti jistgħu jinkisbu ferm aħjar permezz ta' azzjoni kkoordinata fil-livell tal-UE, u twassal b'mod partikolari għal sorveljanza aktar effettiva tas-suq. Għaldaqstant, hu aktar xieraq li tittieħed azzjoni fil-livell tal-UE.

Fir-rigward tal-problema tal-inkonsistenzi li hemm fid-direttivi, din hija problema li tista' tissolva biss mil-leġislatur tal-UE.

Il-proporzjonalità

Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, il-modifiki proposti ma jmorrux lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu l-miri stabbiliti.

L-obbligi ġodda jew modifikati ma jimponux piżijiet u spejjeż bla bżonn fuq l-industrija, speċjalment fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju – jew fuq l-amministrazzjonijiet. Fejn il-modifiki ġew identifikati li għandhom impatti negattivi, l-analiżi tal-impatti tal-għażla jservu biex jipprovdu r-rispons l-aktar proporzjonat għall-problemi identifikati. Għadd ta' modifiki jikkonċernaw it-titjib taċ-ċarezza tad-Direttiva eżistenti mingħajr ma jintroduċu rekwiżiti ġodda li jimplikaw aktar spejjeż.

It-teknika leġislattiva użata

L-allinjament tad-Deċiżjoni tal-QLĠ jirrikjedi għadd ta' emendi sostantivi lid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2007/23/KE. Sabiex ikun żgurat li t-test emendat jista' jinqara, it-teknika ta' riformulazzjoni ntgħażlet b'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 dwar użu aktar strutturat tat-teknika ta' riformulazzjoni għall-atti legali⁴.

It-tibdil li sar lid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2007/23/KE jikkonċerna: id-definizzjonijiet, l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi, is-suppożizzjoni ta' konformità pprovdata permezz tal-istandards armonizzati, id-dikjarazzjoni ta' konformità, il-marka CE, il-proċedura tal-klawżola ta' salvagwardja u l-proċeduri ta' valutazzjoni ta' konformità.

⁴ ĠU C 77, 28.3.2002.

Il-proposta ma tibdilx il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 97/23/KE u r-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali ħliet għall-korrezzjoni deskritta taħt 3.7.

5. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

6. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

Ir-revoka tal-leġislazzjoni eżistenti

L-adozzjoni tal-proposta se twassal għar-revoka tad-Direttiva 2007/23/KE dwar it-tqegħid fis-suq tal-oġġetti pirotekniċi.

Żona Ekonomika Ewropea

Il-proposta tikkonċerna ż-ŻEE u, għalhekk, għandha testendi għaż-Żona Ekonomika Ewropea.

↓ 2007/23/KE (adattat)
⇒ ġdid

**IL-PAKKETT TA' ALLINJAMENT QAFAS LEĠIŻLATTIV ĠDID (QLĠ)
(L-implimentazzjoni tal-Pakkett dwar il-Prodotti)**

2011/0358 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mad-
disponibilità fis-suq ta' oġġetti pirotekniċi**

(Riformulazzjoni)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattati jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea , u b'mod partikolari l-Artikolu 95 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁵,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

↓ ġdid

(1) Numru ta' bidliet sostantivi jridu jsiru fid-Direttiva 2007/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-23 ta' Mejju 2007 dwar it-tqegħid fis-suq tal-oġġetti pirotekniċi⁶. Fl-interess taċ-ċarezza, din id-Direttiva għandha tiġi riformulata mill-ġdid.

⁵ ĠU C [...].

⁶ ĠU L 154, 14.6.2007, p. 1.

- (2) Ir-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jstabilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93⁷ jistipula regoli dwar l-akkreditazzjoni tal-korpi tal-evalwazzjoni tal-konformità, jipprovdi qafas għas-sorveljanza tas-suq u l-kontrolli ta' prodotti minn pajjiżi terzi, u jstabilixxi l-prinċipji ġenerali tal-marka CE.
- (3) Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/465/KEE⁸ tistipula prinċipji komuni u dispożizzjonijiet ta' referenza intenzjonati biex japplikaw għal leġislazzjoni settorjali sabiex jipprovdu bażi koerenti għat-tfassil, ir-reviżjoni jew ir-riformulazzjonijiet ta' dik il-leġislazzjoni. Id-Direttiva 2007/23/KE għandha tkun adattata għal dik id-Deċiżjoni.
-

↓ 2007/23/KE premissa 1
⇒ ġdid

- (4) Il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi fis-seħħ fl-Istati Membri fir-rigward ~~tal-tegħid~~ ⇒ tad-disponibilità ⇐ fis-suq ta' oġġetti pirotekniċi huma diverġenti, b'mod partikolari fir-rigward ta' aspetti bħall-karatteristiċi tas-sikurezza u tal-prestazzjoni.
-

↓ 2007/23/KE premissa 2
(adattat)

- (5) ~~Dawk~~ Il-~~li~~ liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri, għadarba jistgħu jikkawżaw ostakoli għall-kummerċ Komunitarju tal-Union, għandhom hemm bżonn li jiġu armonizzati sabiex jiggarantixxu l-moviment liberu ta' oġġetti pirotekniċi fis-suq intern waqt li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u għas-sikurezza u ta' protezzjoni għall-konsumaturi u għall-utenti aħħarja professjonali.
-

↓ 2007/23/KE premissa 3
(adattat)

- (6) Id-Direttiva tal-Kunsill 93/15/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar l-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar id-dħul fis-suq u s-superviżjoni ta' splużivi għall-użu ċivili⁹ teskludi l-oġġetti pirotekniċi mill-ambitu tagħhau ~~tafferma li l-oġġetti pirotekniċi jeħtieġu miżuri adatti sabiex jiżguraw il-protezzjoni tal-konsumaturi u s-sikurezza tal-pubbliku u li hija ppjanata Direttiva addizzjonali f'dan il-qasam.~~
-

⁷ ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30.

⁸ ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82.

⁹ ĠU L 121, 15.5.1993, p. 20. ~~Id-Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).~~

↓ 2007/23/KE premissa 4
(adattat)

- (7) ☒ Is-sigurtà matul il-ħżin hija regolata bid- ☒ Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-kontroll ta' perikli ta' aċċidenti kbar fl-użu ta' sustanzi perikolużi¹⁰ ☒ li ☒ tistabbilixxi rekwiżiti ta' sikurezza għall-istabbilimenti fejn ikun hemm preżenti splużivi, inklużi sustanzi pirotekniċi.

↓ 2007/23/KE premissa 21
⇒ ġdid

- (8) Fir-rigward tas-sikurezza fit-trasport, ir-regoli dwar it-trasport ta' oġġetti pirotekniċi huma koperti minn konvenzjonijiet u ftehimiet internazzjonali, inklużi r-rakkomandazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi. ⇒ Għalhekk dawn l-aspetti ma għandhomx jaqgħu taħt dan l-ambitu ta' din id-Direttiva. ⇐

↓ 2007/23/KE premissa 6
⇒ ġdid

- (9) Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal oġġetti pirotekniċi li għalihom japplikaw id-Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE tal-20 ta' Diċembru 1996 dwar it-tagħmir marittimu¹¹ u l-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti msemmija fiha. ⇒ Din ma għandhiex tapplika għall-kaps tad-daqqa intiżi għal ġugarelli li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-ġugarelli¹² ⇐

↓ 2007/23/KE premissa 8
(adattat)
⇒ ġdid

- (10) ~~Skont il-prinċipji stabbiliti fir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 1985 dwar approċċ ġdid lejn l-armonizzazzjoni u l-istandards tekniċi¹³, oġġetti pirotekniku għandu jikkonforma ma' din id-Direttiva meta l-oġġett jitqiegħed fis-suq Komunitarju għall-ewwel darba. Fid-dawl tal-festi reliġjużi, kulturali u tradizzjonali fl-Istati Membri, il-logħob tan-nar magħmul mill-manifattur għall-użu tiegħu stess u li jkun ġie approvat minn Stat Membru għall-użu fit-territorju tiegħu ma għandux jitqies bħala mqiegħed~~

¹⁰ ~~ĠU L 10, 14.1.1997, p. 13. Id-Direttiva Labhar emendata bid-Direttiva 2003/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 345, 31.12.2003, p. 97).~~

¹¹ ~~ĠU L 46, 17.2.1997, p. 25. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2002/84/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 324, 29.11.2002, p. 53).~~

¹² ⇒ ĠU L 170, 30.06.2009, p. 1. ⇐

¹³ ~~ĠU C 136, 4.6.1985, p. 1.~~

fis-suq u għalhekk ma għandux ~~għalhekk~~ ikun meħtieġ jikkonforma ma' din id-Direttiva.

↓ 2007/23/KE premissa 13

- (11) Fejn ikunu sodisfatti r-rekwiżiti essenzjali ta' sikurezza, ma għandux ikun possibbli għall-Istati Membri li jipprojbixxu, jirrestrinġu jew ifixklu l-moviment liberu tal-oġġetti pirotekniċi. Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għall-iġijiet nazzjonali dwar il-ħruġ ta' liċenzji lil manifatturi, distributuri u importaturi mill-Istati Membri.
-

↓ 2007/23/KE premissa 5

- (12) Fi ħdan it-tifsira ta' oġġetti pirotekniċi għandhom ikunu inklużi, logħob tan-nar, oġġetti pirotekniċi teatrali u oġġetti pirotekniċi maħsuba għal raġunijiet tekniċi, bħal ġeneraturi tal-gass użati għall-airbags jew għall-pretensioners taċ-ċinturini tas-sikurezza.
-

↓ 2007/23/KE premissa 7

- (13) Sabiex jiġu żgurati livelli għolja xierqa ta' protezzjoni, l-oġġetti pirotekniċi għandhom jiġu kategorizzati primarjament skont il-livell ta' periklu tagħhom fir-rigward tat-tip ta' użu, tal-iskop jew tal-livell ta' ħoss tagħhom.
-

↓ 2007/23/KE premissa 9
(adattat)

- (14) Fid-dawl tal-perikli inerenti fl-użu ta' oġġetti pirotekniċi, huwa kunsiljabbli li jiġu stabbiliti l-limiti ta' età għall-bejgħ tagħhom lil konsumaturi u għall-użu tagħhom, u li jkun żgurat li t-tikketti tagħhom juru informazzjoni suffiċjenti u adegwata għall-użu bla periklu, sabiex ikunu protetti s-saħħa tal-bniedem, is-sikurezza u l-ambjent. ~~Huwa meħtieġ li jsiru provvedimenti sabiex~~ Ċerti oġġetti pirotekniċi għandhom ikunu disponibbli biss għal speċjalisti awtorizzati li jkollhom il-konoxxenza, il-kapaċitajiet u l-esperjenza neċessarji. Huwa kunsiljabbli li, fir-rigward ta' oġġetti pirotekniċi għall-vetturi, ir-rekwiżiti għall-ittikkettjar iqisu l-prattika kurrenti kif ukoll il-fatt li dawn l-oġġetti huma fornuti esklussivament lil utenti professjonali.
-

↓ 2007/23/KE premissa 10
(adattat)

- (15) L-użu ta' oġġetti pirotekniċi u, b'mod partikolari, l-użu tal-logħob tan-nar, huwa suġġett għal drawwiet u tradizzjonijiet kulturali diverġenti hafla fl-Istati Membri rispettivi. ~~Minħabba fhekk, huwa~~ għalhekk meħtieġ li l-Istati Membri jkunu

permessi jieħdu miżuri nazzjonali sabiex jillimitaw l-użu jew il-bejgħ ta' ċerti kategoriji ta' loġħob tan-nar lill-pubbliku ġenerali għal raġunijiet ta' sigurtà jew sikurezza pubblika.

↓ ġdid

- (16) Operaturi ekonomiċi għandhom ikunu responsabbli għall-konformità tal-oġġetti pirotekniċi, fir-rigward tar-rwoli rispettivi tagħhom fil-katina ta' forniment, sabiex jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tal-interessi pubbliċi, bħalma huma s-saħħa u s-sigurtà, u l-protezzjoni tal-konsumaturi u biex jiggarantixxu kompetizzjoni ġusta fis-suq tal-Unjoni.
- (17) L-operaturi ekonomiċi kollha li jintervjenu fil-katina tal-provvista u tad-distribuzzjoni għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jassiguraw li jagħmlu disponibbli fis-suq dawk il-prodotti biss li jkunu konformi ma' din id-Direttiva. Hemm bżonn li din tipprovdi tqassim ċar u proporzjonat tal-obbligi li jikkorrispondu mar-rwol ta' kull operatur fil-proċess tal-forniment u tad-distribuzzjoni.
- (18) Il-manifattur, li jkollu għarfien dettaljat tad-disinn u tal-proċess tal-produzzjoni, huwa fl-aħjar pożizzjoni li jesegwixxi l-proċedura kollha ta' valutazzjoni tal-konformità. Il-valutazzjoni tal-konformità għalhekk għandha tibqa' l-obbligu tal-manifattur biss.

↓ 2007/23/KE premissa 12

~~Ir-responsabbiltà sabiex jiġi żgurat li l-oġġetti pirotekniċi jikkonformaw ma' din id-Direttiva u b'mod partikolari ma' dawk ir-rekwiżiti essenzjali ta' sikurezza għandha tkun tal-manifattur. Jekk il-manifattur ma jkunx stabbilit fil-Komunità, huwa meħtieġ li l-persuna fiżika jew ġuridika li timporta oġġett pirotekniku fil-Komunità tassigura li l-manifattur wettaq l-obbligi tiegħu taħt din id-Direttiva jew tassumi l-obbligi kollha tal-manifattur.~~

↓ ġdid

- (19) Jeħtieġ li jiġi assigurat li l-oġġetti pirotekniċi minn pajjiżi terzi li jidħlu fl-Unjoni jkunu konformi mar-rekwiżiti ma' din id-Direttiva, u b'mod partikolari li l-manifatturi jkunu għamli l-proċeduri ta' valutazzjoni xierqa fir-rigward ta' dawk il-prodotti. Għalhekk għandha ssir dispożizzjoni għall-importaturi biex jiġi assigurat li l-oġġetti pirotekniċi li jqiegħdu fis-suq ikunu konformi mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva u biex dawn ma jqiegħdux fis-suq oġġetti pirotekniċi li ma jikkonformawx ma' dawn ir-rekwiżiti jew li jippreżentaw xi riskju. Għandha ssir ukoll dispożizzjoni għall-importaturi biex jiġi assigurat li jkunu saru l-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità u li l-marki u d-dokumentazzjoni tal-prodott magħmulin mill-manifatturi jkunu disponibbli għall-ispezzjoni mill-awtoritajiet ta' sorveljanza.
- (20) Id-distributur jagħmel disponibbli oġġett pirotekniku fis-suq wara li dan ikun tqiegħed fis-suq mill-manifattur jew mill-importatur, u għandu jaġixxi bil-kura dovuta sabiex

jassigura li t-trattament tiegħu tal-oġġetti pirotekniċi min-naħa tiegħu ma jolqotx ħażin il-konformità tal-oġġett pirotekniku.

(21) Kull operatur ekonomiku li jqiegħed oġġett pirotekniku f'ismu jew bit-trademark tiegħu jew jimmodifika oġġett pirotekniku b'mod li dan jista' jinċidi fuq il-konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, għandu jitqies bħala manifattur u għandu jassumi l-obbligi tal-manifattur.

(22) Id-distributori u l-importaturi, minħabba li huma qrib tas-suq, għandhom ikunu involuti fix-xogħol tas-sorveljanza tas-suq li jsir minn awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u għandhom jitħejjew biex jipparteċipaw b'mod attiv, billi jagħtu lil dawk l-awtoritajiet l-informazzjoni kollha neċessarja dwar l-oġġett pirotekniku kkonċernat.

↓ 2007/23/KE premissa 11

(23) Huwa kunsiljabbli li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti essenzjali ta' sikurezza għall-oġġetti pirotekniċi sabiex ikun protett il-konsumatur u sabiex jiġu evitati l-aċċidenti.

↓ ġdid

(24) Xi oġġetti pirotekniċi, notevolment oġġetti pirotekniċi tal-karozzi bħalma huma l-ġeneraturi tal-gass tal-airbag, fihom ammonti żgħar ta' aġenti detonattivi kummerċjali u splużivi militari. Wara l-adozzjoni tad-Direttiva 2007/23/KE sar ovyju li mhux se jkun possibbli li dawn is-sustanzi jinbidlu f'addittivi f'kompożizzjonijiet strettament kombustivi, fejn jintużaw biex jittejjeb il-bilanċ enerġetiku. Ir-rekwiżit essenzjali tas-sigurtà (4), li jirrestrinġi l-użu tal-aġenti detonattivi kummerċjali u l-isplużivi militari, għalhekk għandu jkun modifikat.

↓ 2007/23/KE premissa 14
(adattat)
⇒ ġdid

(25) Sabiex jiffaċilitaw ~~il-proċess ta' prova ta' konformità~~ ☒ il-valutazzjoni ta' konformità ☒ mar-rekwiżiti essenzjali ta' sikurezza ☒ stipulati f'din id-Direttiva ☒, ~~qegħdin jiġu żviluppati standards armonizzati għat tfassil, manifattura u ttestjar ta' oġġetti pirotekniċi.~~ ⇒ hemm bżonn ta' dispożizzjoni għal preżunzjoni ta' konformità għall-oġġetti pirotekniċi li huma f'konformità mal-istandards armonizzati li huma adottati skont ir-Regolament Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-[.....] dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/105/KE u 2009/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴ għall-iskop biex ikunu espressi speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati ta' dawk ir-rekwiżiti. ⇐

¹⁴ ĠU L [...], [...], p. [...]

↓ new

(26) Ir-Regolament (UE) Nru [...] [dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea] jipprovd i proċedura għall-oġġezzjonijiet għall-istandards armonizzati fejn dawk l-istandards ma jissodisfawx bis-sħiħ ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva..

↓ 2007/23/KE premissa 15

~~L-istandards armonizzati Ewropej huma mfassla, adottati u mmodifikati mill-Kumitat għall-Istandardizzazzjoni Ewropea (CEN), mill-Kumitat għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (CENELEC) u mill-Istitut Ewropew tal-Istandards fit-Telekomunikazzjoni (ETSI). Dawn l-organizzazzjonijiet huma rikonoxxuti bħala kompetenti għall-adozzjoni ta' standards armonizzati, li huma jfasslu skond il-linji gwida ġenerali għall-koperazzjoni bejnhom u l-Kummissjoni Ewropea u l-Assoċjazzjoni Ewropea ta' Kummerċ Hieles¹⁵, u skond il-proċedura stabbilita fid-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam ta' l-istandards u tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni¹⁶. Fir-rigward ta' oġġetti pirotekniċi għall-vetturi, l-orjentament internazzjonali tal-industrija Ewropea tal-fornituri tal-vetturi għandu jiġi rifless billi jitqiesu l-istandards internazzjonali rilevanti ta' l-ISO.~~

↓ 2007/23/KE premissa 16

~~F'konformità mal-"Approċċ il-Ġdid lejn l-armonizzazzjoni u l-istandardizzazzjoni tekniċi" huwa kunsiljabbli li l-oġġetti pirotekniċi manifatturati b'konformità mal-istandards armonizzati jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali ta' sikurezza msemmija f'din id-Direttiva.~~

↓ (ġdid)

(27) Sabiex l-operatori ekonomiċi jkunu jistgħu juru u biex l-awtoritajiet kompetenti jiżguraw li l-oġġetti pirotekniċi li saru disponibbli fis-suq huma konformi mar-rekwiżiti tas-sigurtà essenzjali, hemm bżonn li jkun provdut għall-proċeduri ta' valutazzjoni ta' konformità. Id-Deċizzjoni 768/2008 tistabbilixxi moduli għall-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jinkludu proċeduri mill-anqas sal-aktar stretti, fi proporzjon mal-livell ta' riskju involut u l-livell ta' sikurezza meħtieġa. Sabiex tkun żgurata l-koerenza intersettorjali u biex ikunu evitati varjanti *ad hoc*, il-proċeduri dwar il-valutazzjoni tal-konformità għandhom jintgħażlu minn fost dawk il-moduli

¹⁵ ĠU C 91, 16.4.2008, p. 7.

¹⁶ ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37. Direttiva kif l-aħħar emendata bl-Att tal-Adeżjoni 2003.

(28) Il-manifatturi għandhom jimlew dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE biex jipprovdu informazzjoni dettaljata dwar il-konformità tal-oġġett pirotekniku bir-reqwiziti ta' din id-Direttiva u tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti tal-armonizzazzjoni.

↓ 2007/23/KE premissa 17

~~Il-Kunsill, permezz tad-Deċiżjoni 93/465/KEE tat 22 ta' Lulju 1993 dwar il-moduli għall-fażijiet diversi tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità u r-regoli għat twaħħil u għall-użu tal-marka ta' konformità CE li huma maħsubin sabiex jintużaw fid-direttivi ta' armonizzazzjoni teknika¹⁷, introduċa mezzi armonizzati sabiex jiġu applikati proċeduri għall-evalwazzjoni tal-konformità. L-applikazzjoni ta' dawn il-moduli lill-oġġetti pirotekniċi se tagħmilha possibbli li tiġi determinata r-responsabbiltà tal-manifatturi u tal-korpi involuti fil-proċedura ta' evalwazzjoni tal-konformità billi jitqies in natura ta' l-oġġetti pirotekniċi konċernati.~~

↓ 2007/23/KE premissa 19

~~Huwa meħtieġ li, sabiex jitqiegħdu fis-suq, l-oġġetti pirotekniċi jkollhom il-marka CE sabiex juru l-konformità tagħhom mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva sabiex ikunu jistgħu jiċċirkolaw liberament fil-Komunità.~~

↓ ġdid

(29) Il-marka CE, li tindika l-konformità ta' oġġett pirotekniku, hija l-konsegwenza viżibbli ta' proċess sħiħ li jinkludi l-valutazzjoni tal-konformità f'sens wiesa'. Prinċipji ġenerali li jirregolaw il-marka CE huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 765/2008. Regoli li jirregolaw it-twaħħil tal-marka CE għandhom jiġu stipulati f'din id-Direttiva.

(30) L-esperjenza wriet li l-kriterji stabbiliti fid-Direttiva 2007/23/KE li korpi tal-valutazzjoni tal-konformità għandhom josservaw biex ikunu notifikati lill-Kummissjoni mhumiex suffiċjenti biex jassiguraw livell uniformi għoli ta' operat ta' korpi notifikati fl-Unjoni Ewropea kollha. Iżda huwa essenzjali li l-korpi kollha notifikati jwettqu l-funzjonijiet tagħhom fuq l-istess livell u skont kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta. Dan jitlob li jkunu stabbiliti reqwiziti obligatorji għall-korpi ta' valutazzjoni ta' konformità li jixtiequ li jkunu notifikati sabiex jagħtu servizzi ta' valutazzjoni ta' konformità.

(31) Sabiex ikun żgurat livell konsistenti tal-kwalità tal-valutazzjoni tal-konformità hemm bżonn ukoll li jkunu f'fissati reqwiziti għall-awtoritajiet li jinnotifikaw u korpi oħra involuti fil-valutazzjoni, fin-notifika u l-monitoraġġ tal-korpi notifikati.

(32) Is-sistema stabbilita f'din id-Direttiva għandha tkun ikkomplimentata mis-sistema ta' akkreditament kif prevista fir-Regolament (KE) Nru 765/2008. Billi l-akkreditazzjoni

¹⁷ ~~ĠU L 220, 30.8.1993, p. 23.~~

hija mezz essenzjali ta' verifika tal-kompetenza ta' korpi tal-valutazzjoni tal-konformità, għandha tintuża wkoll għal finijiet ta' notifika.

- (33) L-akkreditazzjoni trasparenti kif prevista fir-Regolament (KE) Nru 765/2008, li tiżgura l-livell neċessarju ta' fiduċja fiċ-ċertifikati ta' konformità, għandha tkun ikkunsidrata mill-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali fl-Unjoni kollha bħala l-mezz preferut li juri l-kompetenza teknika tal-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità. Madankollu, l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jqisu li għandhom f'idejhom il-mezzi xierqa biex jagħmlu l-valutazzjoni huma stess. F'dawn il-każijiet, sabiex ikun assigurat livell xieraq ta' kredibbiltà tal-valutazzjonijiet eżegwiti minn awtoritajiet nazzjonali oħra, huma għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra l-evidenza dokumentarja meħtieġa li turi l-konformità tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità li jiġu evalwati, mar-rekwiżiti regolatorji rilevanti.
- (34) Il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità sikwit jagħtu b'subappalt partijiet mix-xogħol tagħhom konness mal-valutazzjoni tal-konformità jew jgħadduh lil sussidjarju. Biex ikun salvagwardjat livell għoli ta' protezzjoni meħtieġ għall-prodotti jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni, huwa essenzjali li s-subappaltaturi tal-valutazzjoni tal-konformità u s-sussidjarji jissodisfaw l-istess rekwiżiti bħall-korpi notifikati fir-rigward tat-twettiq ta' kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità. Għalhekk huwa importanti li l-valutazzjoni tal-kompetenza u l-prestazzjoni ta' korpi li trid tiġi notifikata u l-monitoraġġ ta' korpi diġà notifikati jkopru wkoll l-attivitajiet mwettqa minn subappaltaturi u sussidjarji.
- (35) Jeħtieġ li jiżdiedu l-effiċjenza u t-trasparenza tal-proċedura tan-notifika u b'mod partikolari, li tiġi adattata għal teknoloġiji ġodda biex tkun tista' ssir notifika onlajn.
- (36) Billi korpi notifikati jistgħu joffru s-servizzi tagħhom fit-territorju kollu tal-Unjoni, huwa xieraq li Stati Membri oħra u l-Kummissjoni jingħataw l-opportunità li jagħmlu oġġezzjonijiet fir-rigward tal-korp notifikat. Huwa, għalhekk importanti li jkun previst perjodu li matulu kull dubju jew tħassib dwar il-kompetenza tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità jkunu jistgħu jiġu kkjarifikati qabel ma jibdeu jaħdmu bħala korpi notifikati.
- (37) Fl-interessi tal-kompetittività huwa kruċjali li l-korpi notifikati japplikaw il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità mingħajr ma joħolqu xi piż bla bżonn għall-operaturi ekonomiċi. Għall-istess raġuni u biex ikun assigurat trattament ugwali ta' operaturi ekonomiċi, għandha tkun assigurata l-konsistenza fl-applikazzjoni teknika tal-moduli. Dak jista' jsir l-aħjar permezz ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni xierqa bejn korpi notifikati.
- (38) Sabiex tkun żgurata ċ-ċertezza legali, hemm bżonn li jkun iċċarat li r-regoli dwar is-sorveljanza tas-suq tal-Unjoni u l-kontroll tal-prodotti li jidhru fl-Unjoni previsti fir-Regolament (KE) Nru 765/2008 japplikaw għall-oġġetti pirotekniċi. Din id-Direttiva ma għandhiex ma tħallix Stati Membri milli jagħżlu l-awtoritajiet kompetenti li jwettqu dawn il-ħidmiet.

↓ 2007/23/KE premissa 18

- (39) Huwa kunsiljabbli li l-gruppi ta' oġġetti pirotekniċi li jkunu simili fit-tfassil, fil-funzjoni jew fil-prestazzjoni jiġu evalwati mill-korpi notifikati bħala familji ta' prodotti.
-

↓ 2007/23/KE premissa 20
(adattat)
⇒ ġdid

- (40) ~~Skont l-"Approċċ il-Ġdid lejn l-armonizzazzjoni u l-istandardizzazzjoni tekniċi",~~ Hemm bżonn ta' proċedura għal klawżola ta' salvagwardja li tippermetti l-possibbiltà tal-kontestazzjoni tal-konformità ta' oġġett pirotekniku jew ta' fallimenti. ~~Skont l-"Approċċ il-Ġdid lejn l-armonizzazzjoni u l-istandardizzazzjoni tekniċi",~~ ~~Hemm bżonn ta' proċedura għal klawżola ta' salvagwardja li tippermetti l-possibbiltà tal-kontestazzjoni tal-konformità ta' oġġett pirotekniku jew ta' fallimenti.~~ ⇒ Biex tizzied it-trasparenza u biex jitnaqqas iż-żmien tal-ipproċessar jeħtieġ li tittejjeb il-proċedura tal-klawżola ta' salvagwardja, bil-għan li ssir aktar effiċjenti u biex jintużaw il-ħiliet esperti li jistgħu jinkisbu mill-Istati Membri. ⇐
-

↓ ġdid

- (41) Is-sistema eżistenti għandha tkun supplimentata bi proċedura li skontha l-partijiet interessati jiġu informati b'miżuri maħsubin biex jittieħdu fir-rigward ta' oġġetti li jippreżentaw riskju għas-saħħa u s-sigurtà ta' persuni jew aspetti ta' protezzjoni ta' interess pubbliku. Għandha tippermetti wkoll lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, b'kooperazzjoni mal-operaturi ekonomiċi rilevanti, li jaġixxu fi stadju minn qabel dwar dawk l-oġġetti pirotekniċi.

- (42) Fejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni jaqblu dwar il-ġustifikazzjoni ta' miżura meħuda minn Stat Membru, ma jkunx hemm il-ħtieġa li l-Kummissjoni jkollha tinvolvi lilha nnifisha aktar, ħlief fejn in-nuqqas ta' konformità jkun jista' jiġi attribwit lin-nuqqasijiet f'xi standard armonizzat.
-

↓ 2007/23/KE premissa 23
(adattat)

- (43) Huwa fl-interessi tal-manifattur u tal-importatur li jiġu forniti oġġetti pirotekniċi prodotti sikuri sabiex jiġu evitati spejjeż ta' responsabbiltà għal prodotti difettużi li jagħmlu ħsara lill-individwi u l-proprjetà privata. F'dan ir-rigward, id-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE tal-25 ta' Lulju 1985 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar

responsabbiltà għal prodotti difettużi¹⁸ tikkumplimenta din id-Direttiva, ~~u~~ peress ~~li~~ dik id-Direttiva timponi reġim strett ta' responsabbiltà fuq il-manifatturi u l-importaturi u tiżgura livell xieraq ta' protezzjoni għall-konsumaturi. Barra minn hekk, ~~u~~ dik ~~id~~ id-Direttiva tistipula li korpi notifikati għandhom ikunu assigurati b'mod adegwat fir-rigward tal-attivitajiet professjonali tagħhom, ħliet jekk ir-responsabbiltà tagħhom tintrefa mill-Istat skont il-liġi nazzjonali, jew l-Istat Membru nnifsu jkun direttament responsabbli għat-testijiet.

↓ 2007/23/KE premissa 26

~~Il-miżuri meħtieġa sabiex tiġi implimentata din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat 28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri sabiex jiġu eżerċitati l-poteri tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni¹⁹.~~

↓ 2007/23/KE premissa 27

~~B'mod partikolari, għandha tingħata s-setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta miżuri Komunitarji fir-rigward ta' rakkomandazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti, ta' rekwiżiti tal-itikkettjar ta' oġġetti pirotekniċi u ta' adattamenti fil-progress tekniku tal-Annessi II u III relatati mar-rekwiżiti ta' sikurezza u ma' proċeduri tal-evalwazzjoni tal-konformità. Ladarba daww il-miżuri għandhom ambitu ġenerali u huma mfassla sabiex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, jew sabiex jissupplimentawha biż-żieda ta' elementi ġodda mhux essenzjali, huwa meħtieġ li jiġu adottati b'konformità mal-proċedura regolatorja bi-skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.~~

↓ ġdid

(44) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jiġu kkonferiti lill-Kummissjoni. Daww is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni²⁰.

(45) Il-proċedura ta' eżaminar għandha tintuża għall-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni sabiex tkun stabbilita t-traċċabilità u l-kriterji komuni għall-ġbir u l-aġġornament tad-dejta relatati mal-oġġetti pirotekniċi.

¹⁸ ĠU L 210, 7.8.1985, p. 29. ~~Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 1999/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 141, 4.6.1999, p. 20).~~

¹⁹ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. ~~Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).~~

²⁰ ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

(46) Sabiex jinkisbu l-għanijiet ta' din id-Direttiva, il-poter biex ikunu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandu jkun iddelegat lill-Kummissjoni fir-rigward tal-adozzjoni ta' miżuri tal-Unjoni li jikkonċernaw l-adattament ta' din id-Direttiva għar-rakkomandazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi, l-adattamenti għall-progress tekniku tal-moduli tal-valutazzjoni tal-konformità fl-Anness I ta' din id-Direttiva u r-rekwiżiti tal-ittikkettjar tal-oġġetti pirotekniċi. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa fil-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti.

(47) Il-Kummissjoni, meta tkun qed tħejji u tfassal atti ddelegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

↓ 2007/23/KE premissa 22

(48) Huwa meħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u jassiguraw li dawn ir-regoli jiġu implimentati. Huwa meħtieġ li l-penali stipulati jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

↓ 2007/23/KE premissa 24
(adattat)
⇒ ġdid

(49) ~~Huwa vitali li jsir provvediment għal perjodu tranżizzjonali sabiex ikun possibbli li l-liġijiet nazzjonali foqhma speċifiċi jiġu adattati gradwalment. Il-manifatturi u l-importaturi għandhom bżonn jingħataw ftit ħin biex jeżerċitaw kwalunkwe dritt skont ir-regolamenti nazzjonali fis-seħħ qabel id-data tal-applikazzjoni tat- id-dni fis-seħħ traspożizzjoni tar-regoli nazzjonali ta' din id-Direttiva, sabiex pereżempju jbigħu l-istokk tagħhom ta' prodotti manifatturati. Barra minn hekk, il-perjodi tranżizzjonali speċifiċi previsti għall-applikazzjoni ta' din id-Direttiva jagħtu iżjed żmien għall-adozzjoni ta' standards armonizzati u jassiguraw l-implimentazzjoni rapida ta' din id-Direttiva sabiex tiżied il-protezzjoni tal-konsumatur. ⇒ Hemm bżonn li jkunu previsti arranġamenti tranżitorji li jippermettu li jagħmlu disponibbli fis-suq oġġetti pirotekniċi li kienu diġà mqiegħda fis-suq skont id-Direttiva 2007/23/KE. ⇐~~

↓ 2007/23/KE premissa 25
(adattat)

(50) Ladarba l-għanijiet ta' din id-Direttiva jiġifieri li jkun assigurat li l-oġġetti pirotekniċi fis-suq jissodisfaw rekwiżiti li jipprevedu livell għoli ta' protezzjoni ta' saħħa u sigurtà u interessi pubbliċi oħra, waqt li jiggerantixxi l-funzjonament tas-suq intern , ma jistax jinkiseb suffiċjentement mill-Istati Membri u jista', għalhekk minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell Komunitarju tal-

Unjoni ☒, il-Komunità ☒ l-Unjoni ☒ tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tassussidjarjetà, kif imsemmi fl-Artikolu 5 tat-Trattat ☒ dwar l-Unjoni Ewropea ☒. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

↓ 2007/23/KE premissa 28

~~Konformement mal-punt 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar tfassil aħjar tal-liġijiet²¹, l-Istati Membri huma mħeġġa jfasslu, għalihom infushom u fl-interess tal-Komunità, itabelli tagħhom stess li jillustraw, kemm jista' jkun possibbli, il-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni, u li jagħmluhom pubbliċi,~~

↓ ġdid

(51) L-obbligu ta' traspożizzjoni ta' din id-Direttiva fil-liġi nazzjonali għandu jkun limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw bidla sostantiva meta mqabbla mad-Direttiva preċedenti. L-obbligu li d-dispożizzjonijiet li ma nbidlux jiġu trasposti ġej mid-Direttiva preċedenti.

(52) Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri dwar il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi mniżżla fl-Anness III,

↓ 2007/23/KE (adattat)

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Kapitolu 1 ☒ Dispożizzjonijiet Ġenerali ☒

Artikolu 1

~~Għanijiet u ambitu~~ ☒ *Suġġett* ☒

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli bil-ħsieb li jinkiseb il-moviment liberu tal-oġġetti pirotekniki fis-suq intern, filwaqt li ~~fl-istess ħin~~ tiżgura livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u ta' sigurtà pubblika u l-protezzjoni u s-sikurezza tal-konsumaturi, u tqis l-aspetti rilevanti relatati mal-protezzjoni tal-ambjent.

²¹ ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.

↓ 2007/23/KE
⇒ ġdid

2. Din id-Direttiva tistabbilixxi r-rekwiżiti essenzjali ta' sikurezza li l-oġġetti pirotekniċi għandhom jissodisfaw sabiex jtejjegħu ⇒ ikunu disponibbli ⇐ fis-suq.

↓ 2007/23/KE (adattat)

Artikolu 2
⊗ L-ambitu ⊗

13. Din id-Direttiva tapplika għal oġġetti pirotekniċi ~~kif definiti fl-Artikolu 2(1) sa (5).~~

↓ 2007/23/KE (adattat)

24. Din id-Direttiva ma tapplikax għal:

- (a) ~~Il~~-oġġetti pirotekniċi intenzjonati għall-użu mhux kummerċjali, skont il-liġi nazzjonali, mill-forzi armati, mill-pulizija jew mid-dipartimenti tat-tifi tan-nar;
- (b) ~~T~~tagħmir li jaqa' fl-ambitu tad-Direttiva 96/98/KE;
- (c) ~~P~~pyrotechnic ~~L~~-oġġetti pirotekniċi intenzjonati għall-użu fl-industrija tal-ajruspazju;
- (d) ~~K~~kapsi (percussion caps) maħsuba speċifikament għal ġugarelli li jaqgħu fl-ambitu tad-~~Direttiva tal-Kunsill 88/378/KEE tat-3 ta' Mejju 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward is-sigurtà tal-ġugarelli~~²² d-Direttiva 2009/48/KE;
- (e) ~~I~~-isplużivi li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva 93/15/KEE;

↓ 2007/23/KE (adattat)

- (f) ~~M~~munizzjon, ~~ġ~~iġifieri ~~projett~~ijiet u karigi ~~propulsivi u munizzjon in bjank użat f'armi tan-nar li jistgħu jinġarru minn persuna, armi tan-nar oħrajn u artillerija;~~
- ⊗ (g) loġġob tan-nar maħdum mill-manifattur għall-użu proprju tiegħu u li kien approvat minn Stat Membru għall-użu fit-territorju tiegħu. ⊗

²² [ĠUL 187, 16.7.1988, p. 1.](#)

Artikolu ~~23~~ [l-Artikolu R1 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]
Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin .

↓ 2007/23/KE

- (1) 'Oġġett pirotekniku' tfisser kwalunkwe oġġett li fih sustanzi splużivi jew taħlita splużiva ta' sustanzi mfassla sabiex jipproduċu sħana, dawl, ħoss, gass jew duħħan jew taħlita ta' dawn l-effetti permezz ta' reazzjonijiet kimiċi esotermiċi sostnuti minnhom infushom;
- ~~(23)~~ 'Llogħob tan-nar' tfisser oġġett pirotekniku maħsub għall-finijiet ta' divertiment;
- ~~(34)~~ 'Oġġetti pirotekniċi teatrali' tfisser oġġetti pirotekniċi mfassla għall-użu fuq palk, ġewwa jew barra, inklużi produzzjonijiet ċinematografiċi u televiżivi, jew għal xi użu simili;
- ~~(45)~~ 'Oġġett pirotekniku għall-vetturi' tfisser komponenti ta' apparat ta' sikurezza fil-vetturi, li jkun fihom sustanzi pirotekniċi li jintużaw biex jattivaw dan it-tagħmir jew tagħmir ieħor;

↓ 2007/23/EC (adattat)

- (5) "munizzjon" tfisser proġettili u karigi propulsivi u munizzjon in bjank użat f'armi tan-nar li jistgħu jinġarru minn persuna, armi tan-nar oħrajn u artilleriji;

↓ 2007/23/KE (adattat)

- ~~(610)~~ "Persuna b'konozzenza speċjalizzata" tfisser persuna awtorizzata minn Stat Membru sabiex timmaniġġa u/jew tuża fit-territorju tiegħu logħob tan-nar tal-Kategorija 4, oġġetti pirotekniċi teatrali tal-Kategorija T2 u/jew oġġetti pirotekniċi oħra tal-Kategorija P2 ~~kif definiti fl-Artikolu 3~~;

↓ 2007/23/KE (adattat)

- ~~(72)~~ "Tqegħid fis-suq" tfisser l-ewwel tqegħid għad-disponibbiltà tal-oġġett pirotekniku fis-suq Komunitarju tal-Unjoni ta' prodott individwali, sabiex jitqassam u/jew jintuża, kemm jekk bi ħlas kif ukoll jekk bla ħlas. Il logħob tan-nar ma għamlu minn manifattur għall-użu tiegħu stess u approvat minn Stat Membru għall-użu fit-territorju tiegħu ma għandux jitqies bħala mqiegħed fis-suq;

↓ ġdid

(8) "tagħmel disponibbli fis-suq" tfisser kwalunkwe provvista ta' oġġett pirotekniku għad-distribuzzjoni, il-konsum jew l-użu fis-suq tal-Unjoni tul attività kummerċjali kemm jekk issir bi ħlas kif ukoll jekk tkun mingħajr ħlas;

↓ 2007/23/KE (adattat)

⇒ ġdid

(96) "Mmanifattur" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li ~~ifassal u/jew timmanifattura~~ oġġett pirotekniku, jew li tqabbad lil min ifassal ~~u~~ jew jimmanifattura tali oġġett, ~~bil-ħsieb li jqiegħdu fis-suq~~ ⇒ u jikkummerċjalizza dak l-oġġett pirotekniku taħt ismha ~~propju~~ jew bit-trademark tagħha.

(107) "Iimportatur" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika stabbilita ~~fil-Komunità~~ fl-Unjoni li tagħmel tqiegħed oġġett pirotekniku, li joriġinaminn pajjiż terz, ~~disponibbli fis-suq Komunitarju~~ tal-Unjoni għall-ewwel darba ~~fil-kors tan-negozju tagħha~~.

(118) "Distributur" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika fil-katina ta' provvista barra l-manifattur jew l-importatur, li tagħmel oġġett pirotekniku disponibbli fis-suq ~~in matul l-attività kummerċjali tiegħu~~.

↓ ġdid

(12) "operaturi ekonomiċi" tfisser il-manifattur, l-importatur u d-distributur;

(13) "speċifikazzjoni teknika" tfisser dokument li jistipula r-rekwiżiti tekniċi li jridu jiġu sodisfatti minn oġġett pirotekniku;

↓ 2007/23/KE (adattat)

⇒ ġdid

(149) "Standard armonizzat" tfisser ⇒ standards armonizzati kif definiti fl-Artikolu 2(1)c tar-Regolament UE Nru [...] [dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea] ~~standard Ewropew adottat minn korp Ewropew tal-istandardizzazzjoni taħt mandat mill-Kummissjoni f-konformità mal-proċeduri stabbiliti fid-Direttiva 98/34/KE u li magħhom il-konformità ma tkunx obligatorja~~.

↓ ġdid

(15) "akkreditazzjoni" tfisser akkreditazzjoni kif definita fl-Artikolu 2(10) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008;

- (16) "korp nazzjonali tal-akkreditazzjoni" tfisser korp tal-akkreditazzjoni kif definit fl-Artikolu 2(11) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008;
- (17) "valutazzjoni tal-konformità" tfisser il-proċess li juri jekk ir-rekwiżiti speċifikati relatati ma' oġġett pirotekniku għewx sodisfatti;
- (18) "korp tal-valutazzjoni tal-konformità" tfisser korp li jwettaq attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità inklużi l-kalibrazzjoni, l-ittestjar, l-attestazzjoni u l-ispezzjoni;
- (19) "teħid lura" tfisser kull miżura maħsuba biex jittieħed lura oġġett pirotekniku li jkun diġà sar disponibbli għall-utent aħħari;
- (20) "irtirar" tfisser kull miżura maħsuba biex ma tħallix li oġġett pirotekniku fil-katina tal-provvista jsir disponibbli fis-suq;
- (21) "marka CE" tfisser marka li permezz tagħha l-manifattur jindika li l-prodott huwa konformi mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fil-leġislazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni li tipprovdha għat-twaħħil tagħha;
- (22) "leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni" tfisser kull leġislazzjoni tal-Unjoni li tarmonizza l-kundizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq tal-prodotti.

↓ 2007/23/KE (adattat)
⇒ ġdid

Artikolu 64
Moviment liberu

3. L-Istati Membri ma għandhomx jipprojbixxu, jirrestrinġu jew ifixklu mill-~~jittieghdu~~ ⇒ jkunu disponibbli ⇐ fis-suq l-oġġetti pirotekniċi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' din id-Direttiva.
4. ~~Id-dispożizzjonijiet ta' d~~ Din id-Direttiva ma għandhiex tipprekludi miżuri meħuda minn Stat Membru, liema miżuri jkunu ġustifikati għal raġunijiet ta' ordni pubbliku, sigurtà jew sikurezza, jew protezzjoni ambjentali, li jipprojbixxu jew jirrestrinġu l-pussess, l-użu u/jew il-bejgħ lill-pubbliku ġenerali tal-logħob tan-nar tal-Kategoriji 2 u 3, ta' oġġetti pirotekniċi teatrali u ta' oġġetti pirotekniċi oħra.
5. F'fieri kummerċjali, esibizzjonijiet u wirjiet għall-kummerċjalizzazzjoni ta' oġġetti pirotekniċi, l-Istati Membri ma għandhomx jimpedixxu l-wiri u l-użu tal-oġġetti pirotekniċi li ma jkunux konformi ma ~~id-dispożizzjonijiet ta'~~ din id-Direttiva, sakemm ikun hemm sinjal viżibbli li jindika, b'mod ċar, l-isem u d-data tal-fiera kummerċjali, tal-esibizzjoni jew il-wirja konċernata u li l-oġġetti la jkunu konformi u lanqas ikunu disponibbli għall-bejgħ sakemm ma jinġibux konformi mill-manifattur, fejn tali manifattur ikun stabbilit ~~fil-Komunità~~ fl-Unjoni ☒, jew mill-importatur. Waqt attivitajiet bħal dawn għandhom jittieghdu l-miżuri xierqa ta' sikurezza skont ir-rekwiżiti stabbiliti mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru konċernat.

6. L-Istati Membri ma għandhomx jimpedixxu l-moviment liberu u l-użu tal-oġġetti pirotekniċi manifatturati għall-finijiet ta' riċerka, żvilupp u ttestjar u li ma jkunux konformi ma ~~dispożizzjonijiet ta'~~ din id-Direttiva, sakemm ikun hemm sinjal viżibbli li jindika, b'mod ċar, li dawn la jkunu konformi u lanqas ikunu disponibbli għal finijiet oħra ħliet dawk ta' riċerka, żvilupp u ttestjar.

↓ 2007/23/KE
⇒ ġdid

Artikolu 5

~~It-tqegħid~~ ⇒ Id-disponibilità ⇐ fis-suq

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha sabiex jiżguraw li l-oġġetti pirotekniċi jistgħu ~~jittqiegħdu~~ ⇒ jkunu disponibbli ⇐ fis-suq biss jekk jissodisfaw ir-rekwiżiti imposti minn din id-Direttiva, ~~ikollhom il-marka CE, u jikkonformaw mal-obbligi relatati mal-evalwazzjoni tal-konformità.~~
2. ~~L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri adegwati kollha sabiex jiżguraw li l-oġġetti pirotekniċi ma jkollhomx il-marka CE bla dritt.~~

↓ 2007/23/KE (adattat)

Artikolu ~~6~~³

⊗ Kategoriji ta' oġġetti pirotekniċi ⊗

1. L-oġġetti pirotekniċi għandhom jiġu kategorizzati mill-manifattur skont it-tip ta' użu, skop jew livell ta' periklu tagħhom, inkluż il-livell ta' ħoss tagħhom. Il-korpi nnotifikati msemmija fl-Artikolu ~~21~~¹⁰ għandhom jikkonformaw ma' din it-tqassim f'kategoriji bħala parti mill-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità ~~skont~~ ⊗ msemmija ⊗ fl-Artikolu ~~17~~⁹.

↓ 2007/23/KE

Il-kategorizzazzjoni għandha tkun kif ġej:

(a) Logħob tan-nar:

- (i) ~~K~~ kategorija 1: logħob tan-nar li jippreżenta periklu żgħir ħafna u livell ta' ħoss neglijabbli u li jkun maħsub sabiex jintuża f'żoni ristretti, inkluż logħob tan-nar maħsub għall-użu f'bini domestiku;
- (ii) ~~K~~ kategorija 2: logħob tan-nar li jippreżenta periklu żgħir u livell ta' ħoss baxx u li jkun maħsub sabiex jintuża barra, f'żoni ristretti;

- (iii) ~~K~~ategorija 3: logħob tan-nar li jippreżenta periklu medju, u li jkun maħsub sabiex jintuża barra, f'żoni kbar fil-miftuħ, u li l-livell ta' ħoss tiegħu ma jkunx ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem;
 - (iv) ~~K~~ategorija 4: logħob tan-nar li jippreżenta periklu kbir u li jkun maħsub sabiex jintuża biss minn persuni b'konozzenza speċjalizzata (magħruf komunement bħala "logħob tan-nar għal użu professjonali") u li l-livell ta' ħoss tiegħu ma jkunx ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem.
- (b) Oġġetti pirotekniċi teatrali:
- (i) ~~K~~ategorija T1: oġġetti pirotekniċi għall-użu fuq il-palk li jippreżentaw periklu żgħir;
 - (ii) ~~K~~ategorija T2: oġġetti pirotekniċi għall-użu fuq il-palk li jkunu maħsuba għall-użu biss ta' persuni b'konozzenza speċjalizzata.
- (c) Oġġetti pirotekniċi oħrajn:
- (i) ~~K~~ategorija P1: oġġetti pirotekniċi diversi minn logħob tan-nar u oġġetti pirotekniċi teatrali li jippreżentaw periklu żgħir;
 - (ii) ~~K~~ategorija P2: oġġetti pirotekniċi diversi minn logħob tan-nar u oġġetti pirotekniċi teatrali li jkunu maħsuba biss għall-immaniġġar jew użu minn persuni b'konozzenza speċjalizzata.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-proċeduri li bihom huma jidentifikaw u jawtorizzaw persuni b'konozzenza speċjalizzata.

↓ 2007/23/KE (adattat)

Artikolu 7
Il-limiti ta' età

1. L-oġġetti pirotekniċi ma għandhomx ~~jinfurmaw jew diversament~~ jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ~~ta' konsumaturi~~ fis-suq ~~ta' konsumaturi~~ taħt il-limiti ta' età li ġejjin:

↓ 2007/23/KE

- (a) ~~L~~ogħob tan-nar:
- (i) ~~K~~ategorija 1: 12-il sena;
 - (ii) ~~K~~ategorija 2: 16-il sena;
 - (iii) ~~K~~ategorija 3: 18-il sena;

↓ 2007/23/KE (adattat)

- (b) ~~Oġġetti~~ pirotekniċi oħra tal-Kategorija P1 u oġġetti pirotekniċi teatriali tal-kategorija T1 .

~~Kategorija T1 u P1: 18 il sena.~~

2. L-Istati Membri jistgħu jgħollu l-limiti tal-età ~~taħt~~ stabbilita fil-paragrafu 1 fejn ikun iġġustifikat minħabba raġunijiet ta' ordni, sigurtà jew sikurezza pubblika. L-Istati Membri jistgħu wkoll inaqqsu l-limiti ta' età għal persuni li jkunu hađu jew qegħdin jieħdu taħriġ vokazzjonali.
3. Il-manifatturi, l-importaturi u d-distributuri ma għandhomx ~~ibigħu jew diversament~~ jagħmlu disponibbli fis-suq l-oġġetti pirotekniċi li għejjin, ħliel lil persuni b'konozzenza speċjalizzata:

↓ 2007/23/KE

- (a) il-logħob tan-nar tal-Kategorija 4~~2~~;
- (b) oġġetti pirotekniċi tal-Kategorija P2 u oġġetti pirotekniċi teatriali tal-Kategorija T2.

↓ 2007/23/KE (adattat)

Kapitolu 2

Obbligi tal-operaturi ekonomiċi

*Artikolu 48 [l-Artikolu R2 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]
L-Obbligi tal-~~manifattur~~ manifatturi ~~l-importatur u d-distributur~~*

1. Meta jqegħdu l-oġġetti pirotekniċi tagħhom fis-suq il-~~M~~manifatturi għandhom jiżguraw li ~~l-oġġetti pirotekniċi mqiegħda fis-suq jikkonformaw~~ li tfasslu u għew immanifatturati skont ir-rekwiżiti essenzjali tas-sikurezza stabbiliti fl-Anness I.

↓ 2007/23/KE

~~2. Jekk il-manifattur ma jkunx stabbilit fil-Komunità, l-importatur tal-oġġetti pirotekniċi għandu jiżgura li l-manifattur issodisfa l-obbligi kollha tiegħu taħt din id-Direttiva jew għandu jassumi dawn l-obbligi huwa stess.~~

~~L-importatur jista' jinżamm responsabbli mill-awtoritajiet u mill korpi fil-Komunità fir-rigward ta' dawk l-obbligi.~~

~~3. Id-distributuri għandhom jaġixxu bl-attenzjoni dovuta skont il-liġi Komunitarja applikabbli. B'mod partikolari għandhom jivverifikaw li l-oġġett pirotekniku jkollu l-marka jew marki rekwiżiti ta' konformità u li jkun akkumpanjat mid-dokumenti meħtieġa.~~

~~4. Il-manifatturi tal-oġġetti pirotekniċi għandhom:~~

~~(a) jippreżentaw l-oġġett pirotekniku lil korp notifikat, kif imsemmi fl-Artikolu 10, li għandu jwettaq evalwazzjoni tal-konformità skont l-Artikolu 9; u~~

~~iwaħħlu l-marka CE ma', u jittikkettaw, l-oġġett pirotekniku skont l-Artikolu 11, u l-Artikolu 12 jew l-Artikolu 13.~~

↓ ġdid

2. Il-manifatturi għandhom ifasslu d-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness II u jwettqu l-proċedura rilevanti tal-evalwazzjoni tal-konformità msemmija fl-Artikolu 16.

Fejn ikun intwera permezz ta' dik il-proċedura li l-oġġett pirotekniku huwa konformi mar-rekwiżiti applikabbli, il-manifatturi għandhom ifasslu dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE u jwaħħlu l-marka CE.

3. Il-manifatturi għandhom iżommu d-dokumentazzjoni teknika u d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għal 10 snin wara li l-oġġett pirotekniku jkun tqiegħed fis-suq.

4. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li jkunu ġew stabbiliti proċeduri biex il-produzzjoni tas-serje tibqa' konformi. Għandhom jitqiesu b'mod suffiċjenti dawk it-tibdiliet fid-disinn jew il-karatteristiċi u t-tibdiliet fl-istandards armonizzati jew fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li b'referenza għalihom tiġi dikjarata l-konformità ta' oġġett pirotekniku.

Meta jitqies li jkun xieraq fir-rigward tar-riskji ppreżentati minn oġġett pirotekniku, il-manifatturi għandhom, għall-finijiet tal-protezzjoni tas-saħħa u tas-sikurezza tal-konsumaturi, jagħmlu testijiet kampjunarji ta' oġġetti pirotekniċi disponibbli fis-suq, jinvestigaw, u jekk ikun meħtieġ, iżommu regjistru ta' lmenti, ta' oġġetti pirotekniċi mhux konformi u ta' teħid lura ta' prodotti, u għandhom iżommu lid-distributuri informati dwar kwalunkwe monitoraġġ ta' dan it-tip.

5. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-oġġetti pirotekniċi huma ttikkettjati skont l-Artikoli 9 jew 10.

6. Il-manifatturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li oġġett pirotekniku li jkunu qiegħdu fis-suq mhuwiex konformi ma' din id-Direttiva għandhom minnufih jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex dak l-oġġett pirotekniku jsir konformi, jirtirawh jew jiġbruh lura, jekk dan ikun xieraq. Barra minn hekk, fejn l-oġġett pirotekniku jippreżenta riskju, il-manifatturi għandhom jinfurmaw minnufih lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri fejn huma jkunu għamli l-oġġett

pirotekniku disponibbli għal dan il-għan, billi jagħtu d-dettalji, b'mod partikolari, dwar in-nuqqas tal-konformità u dwar kull miżura korrettiva meħuda.

7. Il-manifatturi għandhom, wara talba raġunata minn awtorità kompetenti nazzjonali, jipprovduha bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha neċessarja biex juru l-konformità tal-oġġett pirotekniku, b'lingwa li tkun tista' tinftiehem faċilment minn dik l-awtorità. Huma għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, wara talba tagħha, fir-rigward ta' kull azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji preżentati mill-prodotti li huma jkunu qiegħdu fis-suq.

↓ 2007/23/KE (adattat)

Artikolu ~~129~~

L-ittikkettjar ta' oġġetti pirotekniċi diversi minn oġġetti pirotekniċi għall-vetturi

↓ 2007/23/KE (adattat)
⇒ ġdid

1. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-oġġetti pirotekniċi diversi minn oġġetti pirotekniċi għall-vetturi jkunu ~~adegwament~~ ittikkettjati b'mod viżibbli, leġibbli u indelibbli bil-lingwa jew lingwi uffiċjali tal-Istat Membru li fih l-oġġetti ~~jinsiegh~~ ikun disponibbli lill-konsumatur.

↓ 2007/23/KE (adattat)
⇒ ġdid

2. L-ittikkettjar ta' oġġetti pirotekniċi għandu jinkludi bħala minimu, l-isem u l-indirizz tal-manifattur jew, fejn il-manifattur ma jkunx stabbilit ~~fil-Komunità~~, fl-Unjoni, l-isem tal-manifattur u l-isem u l-indirizz tal-importatur, l-isem u t-tip tal-oġġett ⇒ in-numru ta' reġistrazzjoni, ⇐ il-limiti minimi ta' età ~~kif indikat~~ stabbiliti fl-Artikolu 7(1) u (2), il-kategorija rilevanti u l-istruzzjonijiet għall-użu, is-sena ta' produzzjoni għal-logħob tan-nar tal-Kategoriji 3 u 4, u, fejn ikun il-każ, distanza minima ta' sikurezza. L-ittikkettjar għandu jinkludi ⇒ l-kontenut ~~esplużiv nett (NEC) ⇐ l-kwantità ekwivalenti netta (NEQ) ta' materjal esplożiv attiv.~~
3. ~~Addizzjonalment~~, il-logħob tan-nar għandu juri wkoll l-informazzjoni minima li ġejja:

↓ 2007/23/KE

- (a) ~~K~~ kategorija 1: fejn ikun il-każ: “għall-użu barra biss” u d-distanza minima ta' sikurezza=;

- (b) ~~K~~ategorija 2: "għall-użu barra biss" u, fejn ikun il-każ, distanza jew distanzi minimi ta' sikurezza;
- (c) ~~K~~ategorija 3: "għall-użu barra biss" u distanza jew distanzi minimi ta' sikurezza;
- (d) ~~K~~ategorija 4: "għall-użu minn persuni b'konoxxenza speċjalizzata biss" u distanza jew distanzi minimi ta' sikurezza.

↓ 2007/23/KE (adattat)

4. ~~Addizzjonalment, l~~-oġġetti pirotekniċi teatrali għandhom jinkludu l-informazzjoni minima li ġejja:

↓ 2007/23/KE
⇒ ġdid

- (a) ~~K~~ategorija T1: fejn ikun il-każ: "għall-użu barra biss" u d-distanza minima ta' sikurezza;
 - (b) ~~K~~ategorija T2: "għall-użu minn persuni b'konoxxenza speċjalizzata biss" u distanza jew distanzi minimi ta' sikurezza.
5. Jekk fuq l-oġġetti pirotekniċi ma jkunx hemm spazju suffiċjenti għar-rekwiżiti tal-ittikkettjar msemmijin fil-paragrafi 2, 3 u ~~sa~~ 4, l-informazzjoni għandha tingħata fuq l-iżgħar parti tal-pakkett.

~~6. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu m'għandhomx japplikaw għal oġġetti pirotekniċi li jkunu eżibiti fil-fieri kummerċjali, f'wirġiet u f'dimostrazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni ta' l-oġġetti pirotekniċi, kif imsemmi fl-Artikolu 6(3), jew li jkunu manifatturati għall-finijiet ta' riċerka, żvilupp u ttestjar, kif imsemmi fl-Artikolu 6(4).~~

Artikolu ~~13~~10

L-ittikkettjar ta' oġġetti pirotekniċi għall-vetturi

1. ~~L-ittikkettjar ta' oġġetti pirotekniċi għall-vetturi għandu jinkludi l-isem tal-manifattur jew, fejn il-manifattur ma jkunx stabbilit fil-Komunità, l-isem tal-importatur, l-isem u t-tip tal-oġġett~~ ⇒ , in-numru ta' ~~reġistrazzjoni~~ ⇐ u l-istruzzjonijiet ta' sikurezza.
2. Jekk fuq l-oġġett ma jkunx hemm spazju suffiċjenti għar-rekwiżiti tal-ittikkettjar imsemmijin fil-paragrafu 1, l-informazzjoni għandha tingħata fuq il-pakkett.
3. Għandha tingħata lil-utenti professjonali, fil-lingwa mitluba minnhom, skeda ta' data ta' sikurezza magħmula skont l-Anness tad ~~Direttiva 2001/58/KE tal-Kummissjoni~~

~~tas 27 ta' Lulju 2001 li temenda għat-tieni darba d-Direttiva 91/155/KEE²³ u r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁴.~~

L-iskeda tad-dejta ta' sikurezza tista' tkun provduta fuq karta jew elettronikament, sakemm l-indirizzat ikollu l-mezzi neċessarji sabiex jaċċedi għaliha.

↓ ġdid

*Artikolu 11 [l-Artikolu R4 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]
Obbligi tal-importaturi*

1. L-importaturi għandhom iqiegħdu fis-suq tal-Unjoni biss dawk l-oġġetti pirotekniċi li jkunu konformi.
2. Qabel ma jqiegħdu oġġett pirotekniku fis-suq, l-importaturi għandhom jiżguraw li tkun saret il-proċedura xierqa tal-evalwazzjoni tal-konformità mill-manifattur imsemmija fl-Artikolu 16. Għandhom jiżguraw li l-manifattur ikun fassal id-dokumentazzjoni teknika, li l-oġġett pirotekniku jkollu l-marka CE u li l-manifattur ikun issodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 9 jew 10.

Meta importatur iqis jew ikollu raġuni biex jemmen li prodott ma jkunx konformi mar-rekwiżiti essenzjali tas-sikurezza stabbiliti fl-Anness I, dan ma għandux iqiegħed il-prodott fis-suq sakemm dan ikun sar konformi. Barra minn hekk, fejn l-oġġett pirotekniku jippreżenta riskju, l-importatur għandu jinforma lill-manifattur u lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq dwar dan.
3. L-importaturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali reġistrat jew il-marka kummerċjali reġistrata tagħhom u l-indirizz fejn ikunu jistgħu jiġu kkuntattjati fuq l-oġġett pirotekniku jew, jekk dan ma jkunx possibbli, fuq l-ippakkjar tiegħu jew f' dokument li jakkumpanja l-oġġett pirotekniku.
4. L-importaturi għandhom jassiguraw li l-prodott ikun akkumpanjat minn struzzjonijiet u informazzjoni ta' sikurezza provduti b'lingwa li tkun tista' tinftiehem faċilment mill-konsumaturi u minn utenti finali oħra, skont kif jiġi determinat mill-Istat Membru konċernat.
5. L-importaturi għandhom jiżguraw li, filwaqt li l-oġġett pirotekniku jkun taħt ir-responsabbiltà tagħhom, il-kundizzjonijiet ta' ħżin jew trasport ma jippreġudikawx il-konformità tiegħu mar-rekwiżiti essenzjali ta' sikurezza stabbiliti fl-Anness I.
6. Meta jitqies meħtieġ fir-rigward tar-riskji preżentati minn oġġett pirotekniku, l-importaturi, għall-finijiet tal-protezzjoni tas-saħħa u tas-sikurezza tal-konsumaturi, għandhom jagħmlu testijiet kampjunarji ta' oġġetti pirotekniċi disponibbli fis-suq, jinvestigaw, u jekk ikun meħtieġ, iżommu reġistru ta' lmenti, ta' oġġetti pirotekniċi

²³ [ĠUL 212, 7.8.2001, p. 24.](#)

²⁴ [ĠUL 136, 29.5.2007, p. 3.](#)

mhux konformi u ta' teħid lura ta' oġġetti pirotekniċi, u għandhom iżommu lid-distributuri informati dwar kwalunkwe monitoraġġ.

7. L-importaturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li oġġett pirotekniku li jkunu qiegħdu fis-suq mhux konformi ma' din id-Direttiva għandhom minnufih jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex dak l-oġġett pirotekniku jsir konformi, jirtirawh jew jiġbruh lura, jekk dan ikun xieraq. Barra minn hekk, fejn l-oġġett pirotekniku jippreżenta riskju, l-importaturi għandhom jinformatu minnufih lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri fejn huma jkunu għamli l-oġġett pirotekniku disponibbli għal dan il-għan, billi jagħtu d-dettalji, b'mod partikolari, dwar in-nuqqas tal-konformità u dwar kull miżura korrettiva meħuda.
8. Importaturi, għal perjodu ta' 10 snin wara li l-oġġett pirotekniku jkun tqiegħed fis-suq, għandhom iżommu kopja tad-dikjarazzjoni tal-konformità tal-KE għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u jiżguraw li d-dokumentazzjoni teknika tkun disponibbli għal dawk l-awtoritajiet jekk jitolbuha.
9. L-importaturi għandhom, wara talba raġunata minn awtorità kompetenti nazzjonali, jipprovduha bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha neċessarja biex juru l-konformità tal-prodott, b'lingwa li tkun tista' tinftiehem faċilment minn dik l-awtorità kompetenti nazzjonali. Huma għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, wara talba taġħha, fir-rigward ta' kull azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji ppreżentati mill-prodotti li jkunu qiegħdu fis-suq.

Artikolu 12 [l-Artikolu R5 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]

Obbligi tad-distributuri

1. Meta jagħmlu oġġett pirotekniku disponibbli fis-suq, id-distributuri għandhom jaġixxu bl-attenzjoni dovuta b'rabta mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.
2. Qabel ma jagħmlu l-oġġett pirotekniku disponibbli fis-suq, id-distributuri għandhom jivverifikaw li l-oġġett pirotekniku jkollu l-marka CE, li jkun akkumpanjat mid-dokumenti meħtieġa u minn struzzjonijiet u informazzjoni ta' sikurezza b'lingwa li tkun tista' tinftiehem faċilment mill-konsumaturi u minn utenti finali oħra fl-Istat Membru fejn ikun se jiġi magħmul disponibbli fis-suq l-oġġett pirotekniku, u li l-manifattur u l-importatur ikunu ssodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 9 jew 10 u 11(3).

Meta distributur iqis jew ikollu raġuni biex jemmen li l-oġġett pirotekniku ma jkunx konformi mar-rekwiżiti essenzjali tas-sikurezza stabbiliti fl-Anness I, dan ma għandux iqiegħed l-oġġett pirotekniku fis-suq sakemm dan ikun sar konformi. Barra minn hekk, fejn l-oġġett pirotekniku jippreżenta riskju, id-distributur għandu jinforma lill-manifattur jew lill-importatur kif ukoll lill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq dwar dan.

3. Id-distributuri għandhom jiżguraw li, filwaqt li l-oġġett pirotekniku jkun taħt ir-responsabbiltà taġħom, il-kundizzjonijiet ta' ħżin jew trasport ma jippreġudikawx il-konformità tiegħu mar-rekwiżiti essenzjali ta' sikurezza stabbiliti fl-Anness I.
4. Id-distributuri li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li l-oġġett pirotekniku li jkunu għamli disponibbli fis-suq ma jkunx konformi ma' din id-Direttiva,

għandhom jiżguraw li jittieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex il-prodott isir konformi, jirtirawh jew jiġbruh lura, jekk dan ikun xieraq. Barra minn hekk, fejn l-oġġett pirotekniku jippreżenta riskju, id-distributori għandhom jinformat minnufih lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri fejn huma jkunu għamli l-oġġett pirotekniku disponibbli għal dan il-għan, billi jagħtu d-dettalji, b'mod partikolari, dwar in-nuqqas tal-konformità u dwar kull miżura korrettiva meħuda.

5. Id-distributori għandhom, wara talba raġunata mill-awtorità kompetenti nazzjonali, jipprovduha bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha neċessarja biex juru l-konformità ta' oġġett pirotekniku. Dawn għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, wara talba taġġha, fir-rigward ta' kull azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji ppreżentati mill-oġġetti pirotekniċi li huma jkunu għamli disponibbli fis-suq.

Artikolu 13 [l-Artikolu R6 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]

Każijiet fejn l-obbligi tal-manifatturi japplikaw għall-importaturi u d-distributori

Importatur jew distributur għandu jitqies bħala manifattur għall-finijiet ta' din id-Direttiva u għandu jkun suġġett għall-obbligi tal-manifattur skont l-Artikolu 8, fejn ikun qiegħed oġġett pirotekniku fis-suq taħt ismu jew il-marka kummerċjali tiegħu, jew jimmodifika oġġett pirotekniku li diġà jkun tqiegħed fis-suq b'tali mod li jista' jaffettwa l-konformità marrekwiżiti ta' din id-Direttiva.

Artikolu 14 [l-Artikolu R7 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]

Identifikazzjoni ta' operaturi ekonomiċi

L-operaturi ekonomiċi għandhom, wara li ssir talba, jidentifikaw dan li ġej lill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq:

- (a) kull operatur ekonomiku li jkun ipprovdihom b'oġġett pirotekniku;
- (b) kull operatur ekonomiku li lilu jkunu pprovdew oġġett pirotekniku.

L-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu kapaċi jippreżentaw l-informazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu għal perjodu ta' 10 snin wara li jkunu ġew fornuti bil-prodott u għal perjodu ta' 10 snin wara li jkunu forġdid il-prodott.

Kapitolu 3

Il-konformità tal-oġġett pirotekniku

↓ 2007/23/KE

~~Artikolu 8~~

~~Standards armonizzati~~

~~1. Il-Kummissjoni tista', skont il-proċeduri stabbiliti mid-Direttiva 98/34/KE, titlob lill-korpi Ewropej tal-istandardizzazzjoni sabiex ifasslu jew jirriveđu l-istandards Ewropej sabiex jappoġġjaw din id-Direttiva jew tinkoraġġixxi lill-korpi internazzjonali rilevanti sabiex ifasslu jew jirriveđu standards internazzjonali.~~

~~2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika r-referenzi ta' dawn l-istandards armonizzati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.~~

~~3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istandards armonizzati pubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jkunu rikonossuti u adottati. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-oġġetti pirotekniċi li jaqgħu fl-ambitu ta' din id-Direttiva, li jikkonformaw mal-istandards nazzjonali rilevanti li jittrasponu l-istandards armonizzati ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* bħala konformi mar-rekwiżiti essenzjali ta' sikurezza stipulati fl-Anness I. L-Istati Membri għandhom jipubblikaw ir-referenzi tal-istandards nazzjonali li jittrasponu dawk l-istandards armonizzati.~~

~~Meta l-Istati Membri jadottaw traspożizzjonijiet nazzjonali tal-istandards armonizzati, huma għandhom jipubblikaw in-numri ta' referenza ta' dawk it-traspożizzjonijiet.~~

~~4. Fejn Stat Membru jew il-Kummissjoni jidhrilhom li l-istandards armonizzati msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu ma jissodisfawx kompletament ir-rekwiżiti essenzjali ta' sikurezza stipulati fl-Anness I, il-Kummissjoni jew l-Istat Membru konċernat għandhom jirrifere l-kwistjoni lill-Kumitat Permanenti stabbilit mid-Direttiva 98/34/KE, filwaqt li jaqgħu r-raġunijiet għal dan. Il-Kumitat Permanenti għandu jaqti l-opinjoni tiegħu fi-żmien sitt-xhur minn tali riferiment. Fid-dawl tal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri bil-miżuri li jkollhom jittieħdu fir-rigward tal-istandards armonizzati u l-pubblikazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.~~

↓ ġdid

*Artikolu 15 [l-Artikolu R8 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]
Preżunzjoni ta' konformità tal-oġġetti pirotekniċi*

L-oġġetti pirotekniċi li jkunu konformi ma' standards armonizzati jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu preżunti konformi mar-rekwiżiti koperti minn dawk l-istandards jew partijiet minnhom, stabbiliti fl-Anness I.

[Meta standard armonizzat jissodisfa r-rekwiżiti li dan ikopri u li huma stabbiliti fl-Artikolu 24 jew fl-Anness I, il-Kummissjoni għandha tippubblika r-referenzi ta' dawk l-istandards f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.]

↓ 2007/23/KE

Artikolu 916
Il-proċeduri ta' evalwazzjoni tal-konformità

Għall-evalwazzjoni tal-konformità ta' oġġetti pirotekniċi, il-manifattur għandu jsegwi waħda mill-proċeduri li ġejjin:

↓ 2007/23/KE (adattat)

- (a) ~~il-proċedura tal-eżami tat-tip tal-KE~~ UE (il-Modulu B) imsemmija fit-Taqsima 1 tal-Anness II, u, skont kif jagħżel il-manifattur, ~~jew~~ waħda minn dawn il-proċeduri :
- (i) ~~il-proċedura ta'~~ il-konformità mat-tip ibbażat fuq il-kontroll tal-produzzjoni interna flimkien mal-iċċekkjar tas-supervizzjoni tal-prodott f'intervalli bl-addoċċ (il-Modulu C2) imsemmija fit-Taqsima 2 ta' l-Anness II;
- (ii) ~~il-proċedura ta'~~ il-konformità tat-tip ibbażata fuq l-assigurazzjoni tal-kwalità ~~fil-produzzjoni~~ tal-proċess tal-produzzjoni (il-Modulu D) imsemmija fit-Taqsima 3 ta' l-Anness II, ~~jew~~;
- (iii) ~~il-proċedura~~ il-konformità mat-tip ibbażata fuq l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodott (il-Modulu E) imsemmija fit-Taqsima 4 ta' l-Anness II;
- (b) ~~il-proċedura~~ il-konformità bbażata fuq il- verifika tal-unità (il-Modulu G) msemija fit-Taqsima 5 ta' l-Anness II, ~~jew~~;
- (c) ~~il-proċedura~~ il-konformità bbażata fuq l- assicurazzjoni sħiħa tal-kwalità ~~tal-prodott~~ (il-Modulu H) imsemmija fit-Taqsima 6 ta' l-Anness II, sa fejn tikkonċerna loġhob tan-nar tal-Kategorija 4.

↓ ġdid

Artikolu 17 [l-Artikolu R10 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]
Dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE

1. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għandha tiddikjara li l-osservanza tar-rekwiżiti speċifikati fl-Anness I intweriet.
2. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għandu jkollha l-elementi speċifikati fil-moduli rilevanti stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Direttiva, għandha jkollha l-istruttura tal-mudell stabbilit fl-Anness III tad-Deċiżjoni Nru III to Decision No 768/2008/EC u għandha tiġi aġġornata kontinwament. Għandha wkoll tiġi tradotta

fil-lingwa jew lingwi meħtieġa mill-Istat Membru fejn jitqiegħed fis-suq jew jiġi magħmul disponibbli l-oġġett pirotekniku.

3. Fejn oġġett pirotekniku huwa suġġett għal aktar minn att wieħed tal-Unjoni li tesiġi dikjarazzjoni tal-UE tal-konformità, għandha titfassal dikjarazzjoni tal-UE unika fir-rigward ta' tali atti kollha tal-Unjoni. Dik id-dikjarazzjoni għandu jkollha l-identifikazzjoni tal-atti kkonċernati inklużi r-referenzi tal-pubblikazzjoni.
4. Meta jagħmel id-dikjarazzjoni tal-UE ta' konformità, il-manifattur għandu jassumi r-responsabbiltà għall-konformità tal-oġġett pirotekniku.

*Artikolu 18 [l-Artikolu R11 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]
Prinċipji ġenerali tal-marka CE*

Il-marka CE għandha tkun suġġetta għall-prinċipji ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

↓ 2007/23/KE (adattat)

*Artikolu ~~11~~19 [l-Artikolu R12 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE] u
~~L-obbligu li twaħħal~~ Regoli u kundizzjonijiet għat-twaħħil tal-marka CE u marki
oħrajn*

- ~~1. Wara li tkun tlestiet b'suċċess l-evalwazzjoni tal-konformità skond l-Artikolu 9, il-manifatturi għandhom Il-marka CE għandha titwaħħal iwaħħlu l-marka CE b'mod viżibbli, leġibbli u indelibbli fuq l-oġġetti pirotekniċi jew, jekk dan Fejn dan ma jkunx possibbli jew in-natura tal-oġġett pirotekniku ma tisthoqquqilhiex, din għandha titwaħħal fuq pjanċa ta' identifikazzjoni mwaħħla magħhom jew fuq il-pakkett u d-dokument li jakkumpanjaw l-oġġett. Il-pjanċa ta' identifikazzjoni għandha tkun imfassla b'tali mod li l-użu mill-għid tagħha jkun impossibbli.~~

↓ 2007/23/KE

~~Il-mudell li għandu jintuża għall-marka CE għandu jkun skont id-Deċiżjoni 93/465/KEE.~~

- ~~2. L-ebda marka jew iskrizzjoni li tista' tikkonfondi lil terzi dwar it-tifsira u l-forma tal-marka CE ma għandha tiġi mwaħħla fuq oġġetti pirotekniċi. Kwalunkwe marka oħra tista' titwaħħal fuq oġġetti pirotekniċi sakemm dan ma jnaqqasx il-viżibbiltà u l-leġibbiltà tal-marka CE.~~
- ~~3. Fejn oġġetti pirotekniċi jkunu suġġetti għal leġiżlazzjoni Komunitarja oħra li tkopri aspetti oħra, u tippreskrivi t-twaħħil, tal-marka CE, din il-marka għandha tindika li daww l-oġġetti jkunu wkoll preżunti bħala konformi mad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni l-oħra li tapplika għalihom.~~

↓ ġdid

4. Il-marka CE għandha titwaħħal qabel ma l-oġġett pirotekniku jitqiegħed fis-suq.
5. Taħt il-marka CE għandu jkun hemm in-numru ta' identifikazzjoni tal-korp notifikat, fejn dak il-korp ikun involut fil-fażi ta' kontroll tal-produzzjoni.

In-numru ta' identifikazzjoni tal-korp notifikat għandu jitwaħħal mill-korp innifsu, jew skont l-istruzzjonijiet tagħha, mill-manifattur.

6. Taħt il-marka CE u n-numru ta' identifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, jista' jkun hemm pittogramma jew kwalunkwe marka oħra li tindika riskju jew użu speċjali.

↓ 2007/23/KE (adattat)

Kapitolu 4

⊗ Notifika ta' korpi ta' valutazzjoni ta' konformità ⊗

*Artikolu ~~1020~~ ⊗ [l-Artikolu R13 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE] ⊗
Korpi notifikati ⊗ Notifika ⊗*

~~11~~ L-Istati Membri għandhom ~~informaw~~ ⊗ jnnotifikaw ⊗ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b' il-korpi ⊗ awtorizzati ⊗ li jkunu ~~hatri~~ sabiex iwettqu ~~proċeduri għall-~~ evalwazzjoni tal-konformità msemmija fl-Artikolu 9, flimkien ma l-kompiti ⊗ tal-evalwazzjoni tal-konformità tal-parti terza ⊗ ⊗ skont din id-Direttiva ⊗ ~~speċifiki li dawn il-korpi jkunu nħatru sabiex iwettqu u n-numri ta' identifikazzjoni li jkunu ngħataw lhom mill-Kummissjoni.~~

↓ 2007/23/KE

~~3. L-Istati Membri għandhom japplikaw il-kriterji minimi stabbiliti fl-Anness III għall-evalwazzjoni tal-korpi li dwarhom għandha tiġi nnotifikata l-Kummissjoni. Dawk il-korpi li jissodisfaw il-kriterji ta' evalwazzjoni stabbiliti mill-istandards armonizzati rilevanti għall-korpi notifikati għandhom jitqiesu li jissodisfaw il-kriterji minimi rilevanti.~~

~~4. Stat Membru li jkun innotifika lill-Kummissjoni b'xi korp partikolari għandu jirtira n-notifika jekk jiskopri li dak il-korp ma jibqax jissodisfa l-kriterji minimi msemmija fil-paragrafu 3. Huwa għandu jinforma immedjatament lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'dan.~~

~~5. Jekk tiġi rtirata n-notifika ta' xi korp, l-attestazzjonijiet ta' konformità u d-dokumenti relatati li ġew provduti mill-korp konċernat għandhom jibqgħu validi, sakemm ma jiġix stabbilit li jeżisti riskju imminenti u dirett għas-saħħa u għas-sikurezza.~~

~~6. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fil-websajt tagħha l-avviż tal-irtirar tan-notifika tal-korp konċernat.~~

↓ ġdid

*Artikolu 21 [l-Artikolu R14 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]
Awtoritajiet tan-notifika*

1. Stati Membri għandhom jaħtru awtorità ta' notifika li tkun responsabbli biex tistabilixxi u tesegwixxi l-proċeduri meħtieġa għall-evalwazzjoni u n-notifika ta' korpi tal-evalwazzjoni tal-konformità u għall-monitoraġġ ta' korpi notifikati, inklużi l-konformità tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 26.
2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitwettqu minn korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 u b'konformità miegħu.

*Artikolu 22 [l-Artikolu R15 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]
Rekwiżiti marbuta mal-awtoritajiet tan-notifika*

1. L-awtorità notifikanti għandha tiġi stabbilita b'mod li ma jkunx hemm konflitti ta' interess ma' korpi ta' evalwazzjoni ta' konformità.
2. L-awtorità notifikanti għandha tkun organizzata u titmexxa b'mod li jkunu salvagwardjati l-oġġettività u l-imparzjalità tal-attivitajiet tagħha.
3. L-awtorità notifikanti għandha tkun organizzata b'tali mod li kull deċiżjoni relatata man-notifika tal-korp ta' valutazzjoni ta' konformità tittieħed minn persuni kompetenti differenti minn dawk li jkunu għamli l-evalwazzjoni.
4. L-awtorità notifikanti ma għandhiex toffri jew tipprovdi kwalunkwe attivitajiet li jitwettqu minn korpi tal-evalwazzjoni ta' konformità, jew servizzi ta' konsulenza fuq bażi kummerċjali jew kompetittiva.
5. L-awtorità notifikanti għandha tissalvagwardja l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni miksuba.
6. L-awtorità notifikanti għandu jkollha numru suffiċjenti ta' persunal kompetenti għad-dispożizzjoni tagħha biex jitwettqu korrettament il-kompiti tagħha.

*Artikolu 23 [l-Artikolu R16 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]
Obbligazzjoni ta' informazzjoni tal-awtoritajiet tan-notifika*

L-Istati Membri għandhom jinformat lill-Kummissjoni dwar il-proċeduri tagħhom għall-valutazzjoni u n-notifika ta' korpi tal-evalwazzjoni tal-konformità u dwar il-monitoraġġ ta' korpi tan-notifika, u dwar kull bdil li jkun hemm f'dan il-qasam.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.

*Artikolu 24 [l-Artikolu R17 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]
Rekwiżiti marbuta mal-korpi notifikati*

1. Għall-finijiet tan-notifika, kull korp tal-evalwazzjoni tal-konformità għandu jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi minn 2 sa 1.
2. Il-korp ta' valutazzjoni ta' konformità għandu jkun stabbilit skont il-liġi nazzjonali u għandu jkollu personalità ġuridika.
3. Korp tal-evalwazzjoni tal-konformità għandu jkun korp terz indipendenti mill-organizzazzjoni jew mill-oġġett pirotekniku li jevalwa.
4. Korp ta' evalwazzjoni tal-konformità, l-oġġla livell tal-ġestjoni tiegħu jew il-persunal responsabbli biex iwettaq il-kompiti ta' evalwazzjoni tal-konformità ma għandhomx ikunu d-disinjaturi, il-manifatturi, il-fornituri, l-installaturi, ix-xerrejja, is-sidien, l-utenti jew dawk li jagħmlu l-manutenzjoni tal-oġġetti pirotekniċi u/jew sustanzi esplożivi li huma jevalwaw. Dan ma għandux jeskludi l-użu ta' oġġetti pirotekniċi u/jew sustanzi splużivi evalwati li huma meħtieġa għall-operazzjonijiet tal-korp tal-evalwazzjoni tal-konformità jew l-użu ta' tali prodotti għal skopijiet personali.

Il-korp tal-evalwazzjoni tal-konformità, l-oġġla livell tal-ġestjoni tiegħu jew il-persunal responsabbli biex iwettaq il-kompiti ta' valutazzjoni ta' konformità ma għandhomx ikunu direttament involuti fid-disinn, manifattura jew kostruzzjoni, kummerċjalizzazzjoni, installazzjoni, użu jew manutenzjoni ta' dawk l-oġġetti pirotekniċi u/jew sustanzi splużivi, lanqas ma għandhom jirrappreżentaw lill-partijiet li jwettqu dawk l-attivitajiet. Huma ma għandhom jieħdu sehem fl-ebda attività li tista' toħloq kunflitt mal-indipendenza tal-ġudizzju jew l-integrità tagħhom b'rabta mal-attivitajiet tal-valutazzjoni tal-konformità li għalihom huma jkunu notifikati. Dan japplika b'mod partikolari għas-servizzi ta' konsulenza.

Il-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità għandhom jiżguraw li l-attivitajiet tassussidjarji jew is-sottokuntratturi tagħhom ma jaffettwawx il-kunfidenzjalità, l-oġġettività jew l-imparzjalità tal-attivitajiet tal-valutazzjoni tal-konformità tagħhom.

5. Il-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità u l-persunal tagħhom għandhom iwettqu l-attivitajiet tal-valutazzjoni tal-konformità bl-oġġla livell ta' integrità professjonali u l-kompetenza teknika meħtieġa fil-qasam speċifiku u għandhom ikunu ħielsa minn kull pressjoni u tentazzjonijiet, partikolarment finanzjarji, li jistgħu jinfluwenzaw il-ġudizzju tagħhom jew ir-riżultati tal-attivitajiet tal-valutazzjoni tal-konformità tagħhom, speċjalment fir-rigward ta' persuni jew gruppi ta' persuni b'interess fir-riżultati ta' dawk l-attivitajiet.
6. Il-korp tal-valutazzjoni tal-konformità għandu jkun kapaċi jwettaq il-kompiti kollha ta' valutazzjoni ta' konformità assenjati lilu permezz tal-Artikolu 16 u li fir-rigward tagħhom ikun ġie notifikat, kemm jekk dawk il-kompiti jsiru mill-korp stess tal-valutazzjoni tal-konformità kif ukoll jekk f'ismu u taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

F'kull żmien u għal kull proċedura tal-valutazzjoni tal-konformità u għal kull tip jew kategorija ta' prodotti li fir-rigward tagħhom ikun ġie notifikat, il-korp tal-valutazzjoni tal-konformità għandu jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu n-neċessitajiet li ġejjin:

- (a) persunal b'għarfien tekniku u esperjenza suffiċjenti u xierqa biex iwettaq il-kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità;
- (b) deskrizzjonijiet ta' proċeduri li f'konformità magħhom titwettaq l-evalwazzjoni tal-konformità, waqt li jiġu żgurati t-trasparenza u l-kapaċità ta' riproduzzjoni ta' dawk il-proċeduri. Dan għandu jkollu l-politiki u l-proċeduri xierqa fis-seħħ li jiddistingwu bejn il-kompiti li jwettaq bħala korp notifikat u attivitajiet oħra;
- (c) proċeduri għat-twettiq tal-attivitajiet li jqisu d-daqs tal-impriża, is-settur li fih jopera, l-istruttura tiegħu, il-grad ta' kumplessità tat-teknoloġija tal-prodott konċernat u n-natura ta' massa jew ta' serje tal-proċess ta' produzzjoni.

Għandu jkollu l-mezzi neċessarji biex iwettaq il-kompiti tekniċi u amministrattivi konnessi mal-attivitajiet tal-valutazzjoni tal-konformità b'mod xieraq u għandu jkollu aċċess għat-tagħmir u l-faċilitajiet kollha meħtieġa.

7. Il-persunal responsabbli biex iwettaq l-attivitajiet tal-valutazzjoni tal-konformità għandu jkollu dawn li ġejjin:

- (a) taħriġ tekniku u vokazzjonali sod li jkopri l-attivitajiet kollha tal-valutazzjoni tal-konformità li għalih il-korp tal-valutazzjoni tal-konformità jkun ġie notifikat;
- (b) għarfien sodisfaċenti tar-rekwiżiti tal-valutazzjonijiet imwettqa minnu u awtorità adegwata biex iwettaq dawk il-valutazzjonijiet;
- (c) konoxxenza adegwata u apprezzament tar-rekwiżiti essenzjali tas-sigurtà, stabbiliti fl-Anness I, tal-istandards armonizzati applikabbli u tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti ta' armonizzazzjoni u tal-leġiżlazzjoni nazzjonali;
- (d) il-kapaċità meħtieġa biex ifassal ċertifikati, rekords u rapporti li juru li l-valutazzjonijiet ikunu saru.

8. Għandha tkun garantita l-imparzjalità tal-korp tal-valutazzjoni tal-konformità, tal-ogħla livell ta' ġestjoni tiegħu u tal-persunal tal-valutazzjoni tiegħu.

Ir-rimunerazzjoni tal-maniġment superjuri u tal-persunal tal-valutazzjoni tal-korp ta' valutazzjoni tal-konformità ma għandhiex tiddependi fuq l-għadd ta' valutazzjonijiet imwettqa jew fuq ir-riżultati ta' dawk il-valutazzjonijiet.

9. Il-korp tal-valutazzjoni tal-konformità għandu jipprovdi għal polza ta' assigurazzjoni ta' responsabbiltà sakemm ir-responsabbiltà ma tkunx assunta mill-Istat skont il-liġi nazzjonali, jew sakemm l-Istat Membru nnifsu ma jkunx direttament responsabbli għall-valutazzjoni ta' konformità.

10. Il-persunal ta' korp tal-evalwazzjoni tal-konformità għandu josserva s-segretezza professjonali fir-rigward tal-informazzjoni kollha miksuba meta jkunu qed iwettqu x-xogħlijiet tagħhom skont l-Artikolu 16 jew skont kull dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali li ddaħħal lil dak l-Artikolu fis-seħħ, ħlief fir-rigward tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih l-attivitajiet ikunu qed isiru. Id-drittijiet proprjetarji għandhom jiġiharsu.

11. Il-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità għandhom jipparteċipaw fi, jew jassiguraw li l-persunal tagħhom tal-valutazzjoni jkun mgħarraf bl-attivitajiet ta' standardizzazzjoni rilevanti u l-attivitajiet tal-grupp ta' koordinazzjoni tal-korp notifikat stabbilit skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti ta' armonizzazzjoni u japplikaw bħala gwida ġenerali d-deċiżjonijiet amministrattivi u d-dokumenti prodotti bħala riżultat tax-xogħol ta' dak il-grupp.

*Artikolu 25 [l-Artikolu R18 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]
Preżunzjoni ta' konformità tal-oġġetti pirotekniċi*

Fejn korp tal-valutazzjoni tal-konformità juri l-konformità tiegħu mal-kriterji stabbiliti fl-istandards armonizzati rilevanti jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, dan għandu jkun preżunt konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 24 sakemm l-istandards armonizzati applikabli jkopru dawk ir-rekwiżiti.

*Artikolu 26 [l-Artikolu R20 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]
Sussidjarji u sottokuntrattar ta' korpi notifikati*

1. Meta korp notifikat jagħti b'sottokuntratt xogħlijiet speċifiċi li jkollhom x'jaqsmu mal-valutazzjoni tal-konformità jew iqabbad sussidjarju, huwa għandu jiżgura li s-sottokuntrattur jew is-sussidjarju jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 24 u għandu jinforma lill-awtorità notifikanti dwar dan.
2. Il-korpi notifikati għandhom jerfgħu r-responsabbiltà kollha tal-kompiti li jkunu twettqu mis-sottokuntratturi jew mis-sussidjarji kull fejn dawn ikunu stabbiliti.
3. L-attivitajiet jistgħu jingħataw b'sottokuntratt jew imwettqa minn sussidjarju biss meta jkun hemm il-qbil tal-klijent.
4. Korpi nnotifikati għandhom iżommu għad-dispożizzjoni tal-awtorità notifikanti d-dokumenti rilevanti dwar l-evalwazzjoni tal-kwalifiki tas-sottokuntratturi jew tas-sussidjarju u tax-xogħol li jkun sar minnhom skont l-Artikolu 16.

*Artikolu 27 [l-Artikolu R22 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]
Applikazzjoni għal notifika*

1. Il-korp tal-valutazzjoni tal-konformità għandu jippreżenta applikazzjoni għal notifika lill-awtorità tan-notifika tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit.
2. Dik l-applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn deskrizzjoni tal-attivitajiet tal-valutazzjoni tal-konformità, il-modulu jew il-moduli tal-valutazzjoni tal-konformità u l-prodott jew prodotti li għalihom dak il-korp jiddikjara li huwa kompetenti, kif ukoll b'ċertifikat ta' akkreditazzjoni, jekk ikun hemm, maħruġ minn korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni li jafferma li l-korp ta' valutazzjoni tal-konformità jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 24.
3. Jekk il-korp tal-valutazzjoni tal-konformità kkonċernat ma jistax jipprovdi ċertifikat ta' akkreditazzjoni, dan għandu jipprovdi lill-awtorità tan-notifika bl-evidenza

dokumentata kollha meħtieġa għall-verifika, ir-rikonoxximent u l-monitoraġġ regolari tal-konformità tiegħu mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 24.

*Artikolu 28 [l-Artikolu R23 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]
Proċedura tan-notifika*

1. -awtoritajiet tan-notifika jistgħu jinnotifikaw biss lill-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità li jkunu ssodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 24.
2. Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn bl-użu tal-mezz elettroniku ta' notifika żviluppat u ġestit mill-Kummissjoni.
3. In-notifika għandha tinkludi d-dettalji kollha dwar l-attivitajiet tal-valutazzjoni tal-konformità, tal-modulu jew moduli tal-valutazzjoni tal-konformità u tal-prodott jew prodotti kkonċernati u tal-affermazzjoni rilevanti tal-kompetenza.
4. Meta notifika ma tkunx ibbażata fuq ċertifikat ta' akkreditazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 27(2), l-awtorità ta' notifika għandha tipprovdi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'evidenza dokumentata li tafferma l-kompetenza tal-korp tal-valutazzjoni tal-konformità kif ukoll l-arranġamenti li saru biex ikun żgurat li dak il-korp ikun eżaminat b'mod regolari u jkompli jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 24.
5. Il-korp ikkonċernat jista' jwettaq l-attivitajiet ta' korp notifikat biss jekk ma jkunx hemm oġġezzjonijiet mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri l-oħra fi żmien ġimagħtejn minn notifika fejn ikun intuża ċertifikat ta' akkreditazzjoni jew fi żmien xahrejn minn notifika meta ma tkunx intużat akkreditazzjoni.

Korp bħal dan biss għandu jitqies bħala korp notifikat għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

6. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra għandhom jiġu notifikati dwar kull tibdil rilevanti sussegwenti fin-notifika.

*Artikolu 29 [l-Artikolu R24 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]
Numri ta' identifikazzjoni u listi ta' korpi notifikati*

1. Il-Kummissjoni għandha tassenja numru ta' identifikazzjoni lil korp notifikat.

Hi għandha tassenja numru wieħed bħal dan, anki fil-każ fejn il-korp ikun notifikat skont diversi atti tal-Unjoni.

↓ 2007/23/KE (adattat)

2. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni pubblikament ~~pubbliku, fil-websajt tagħha~~, il- lista tal-korpi notifikati notifikati skont id-Direttiva, inklużi ~~un-numri ta' għandhom~~ ta' identifikazzjoni li kienu allokati lilhom ~~u kompeti~~ l-attivitajiet li għalihom ikunu ġew notifikati.

↓ ġdid

Artikolu 30 [l-Artikolu R25 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]

Tibdil fin-notifiki

1. Fejn awtorità tan-notifika taċċerta ruħha jew tkun informata li korp notifikat ma jkunx għadu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 24, jew li jkun qed jonqos milli jaqdi l-obbligi tiegħu, l-awtorità tan-notifika għandha tillimita, tissospendi jew tirtira n-notifika kif xieraq, skont kemm ikun gravi n-nuqqas fir-rigward tar-rekwiżiti jew tal-obbligi li jridu jiġu sodisfatti. Huwa għandu immedjatament jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar dan.
2. Fik-każ li tiġi limitata, sospiża jew irtirata n-notifika, jew fejn il-korp notifikat ma jkunx għadu attiv, l-Istat Membru notifikanti għandu jieħu l-passi meħtieġa biex jassigura li l-fajls ta' dak il-korp jiġu pproċessati minn korp notifikat ieħor jew jinżammu disponibbli għall-awtorità tan-notifika u għall-awtorità tas-sorveljanza tas-suq li jkunu responsabbli, suġġetti għat-talba tagħhom.

Artikolu 31 [l-Artikolu R26 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]

Kontestazzjoni tal-kompetenza tal-korpi notifikati

1. Il-Kummissjoni għandha tinvestiga l-każijiet kollha fejn ikollha dubju jew issir taf b'dubju dwar il-kompetenza ta' korp notifikat jew jekk korp notifikat għadux jissodisfa r-rekwiżiti u r-responsabbiltajiet li jkollu.
2. L-Istat Membru notifikant għandu jipprovi lill-Kummissjoni, wara talba, bl-informazzjoni kollha relatata mal-bażi għan-notifika jew il-manutenzjoni tal-kompetenza tal-korp ikkonċernat.
3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-informazzjoni kollha sensittiva miksuba matul l-investigazzjonijiet tagħha tinżamm kunfidenzjali.
4. Meta l-Kummissjoni taċċerta ruħha li korp notifikat ma jissodisfax, jew ma jkunx għadu jissodisfa r-rekwiżiti għan-notifika tiegħu, din għandha tgħarraf b'dan lill-Istat Membru tan-notifika u titolbu jieħu l-miżuri korrettivi meħtieġa, inkluża d-denotifikazzjoni, jekk ikun meħtieġ.

Artikolu 32 [l-Artikolu R27 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]

Obbligi operattivi tal-korpi notifikati

1. Il-korpi notifikati għandhom jagħmlu l-evalwazzjonijiet tal-konformità skont il-proċedura tal-evalwazzjoni tal-konformità stabbilita fl-Artikolu 16.
2. Il-valutazzjonijiet tal-konformità għandhom jitwettqu b'mod proporzjonat, billi jiġu evitati piżijiet bla bżonn għall-operaturi ekonomiċi. Il-korpi ta' valutazzjoni tal-

konformità għandhom iwettqu l-attivitajiet tagħhom billi jieħdu kont debitu tad-daqs tal-impreżi, is-settur li fiha hija topera, l-istruttura tagħha, il-livell ta' kumplessità tat-teknoloġija tal-prodott ikkonċernat u tan-natura massiva jew serjali tal-proċess ta' produzzjoni.

B'dan il-mod huma għandhom madankollu jirrispettaw il-grad ta' rigorożità u l-livell ta' protezzjoni rikjest biex l-oġġett pirotekniku jkun konformi mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

3. Fejn korp notifikat isib li rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I jew standards armonizzati korrispondenti jew speċifikazzjonijiet tekniċi ma ġewx sodisfatti mill-manifattur, huwa għandu jeżiġi mingħand il-manifattur li dan jieħu miżuri korrettivi adegwati u ma għandu joħroġ ebda ċertifikat ta' konformità.
4. Fejn, waqt li jkun qiegħed isir monitoraġġ tal-konformità wara l-ħruġ ta' ċertifikat, korp notifikat isib li l-oġġett pirotekniku ma jkunx għadu konformi, il-korp notifikat għandu jeżiġi mingħand il-manifattur li dan jieħu miżuri korrettivi xierqa u għandu jissospendi jew jirtira ċ-ċertifikat tiegħu jekk ikun meħtieġ.
5. Fejn ma jittieħdux miżuri korrettivi jew fejn dawn ma jkollhomx l-effett meħtieġ, il-korp notifikat għandu jillimita, jissospendi jew jirtira kull ċertifikat, kif xieraq.

Artikolu 33

Appell kontra deċiżjonijiet tal-korpi notifikati

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm disponibbli proċedura ta' appell kontra deċiżjonijiet tal-korpi notifikati

Artikolu 34 [l-Artikolu R28 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]

Obbligi ta' informazzjoni dwar korpi notifikati

1. Il-korpi notifikati għandhom jinformat lill-awtorità tan-notifika dwar dan li ġej:
 - (a) kull rifjut, restrizzjoni, sospensjoni jew irtirar ta' ċertifikat;
 - (b) kull ċirkustanza li jkollha effett fuq l-ambitu u l-kundizzjonijiet għan-notifika;
 - (c) kull talba għal informazzjoni li huma jkunu rċevew minn awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq rigward attivitajiet tal-valutazzjoni tal-konformità;
 - (d) wara talba, l-attivitajiet tal-valutazzjoni tal-konformità li twettqu fl-ambitu tan-notifika tagħhom u kwalunkwe attività oħra li twettqet, inklużi attivitajiet transkonfinali u sottokuntrattar.
2. Il-korpi notifikati għandhom jipprovdu lill-korpi l-oħra notifikati skont din id-Direttiva, li jwettqu attivitajiet simili ta' valutazzjoni tal-konformità u jkopru l-istess prodotti, bl-informazzjoni rilevanti dwar kwistjonijiet marbuta mar-risultati negattivi u, wara talba, mar-risultati pożittivi tal-valutazzjoni tal-konformità.

*Artikolu 35 [l-Artikolu R29 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]
Skambju ta' esperjenza*

Il-Kummissjoni għandha tippovdi għall-organizzazzjoni ta' skambji ta' esperjenza bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri responsabbli mill-politika tan-notifiki.

*Artikolu 36 [l-Artikolu R30 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]
Koordinazzjoni ta' korpi notifikati*

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jkun hemm koordinazzjoni u kooperazzjoni xierqa bejn korpi notifikati taħt din id-Direttiva u li dawn isiru kif xieraq f'forma ta' grupp settorjali ta' korpi notifikati.

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-korpi notifikati minnhom jieħdu sehem fix-xogħol ta' dak il-forum, b'mod dirett jew permezz ta' rappreżentanti nominati.

↓ 2007/23/KE (adattat)

Kapitolu 5
☒ Is-sorveljanza tas-suq tal-Unjoni, il-kontroll tal-prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni u l-proċeduri ta' salvagwardja ☒

Artikolu ~~437~~
Is-sorveljanza tas-suq ☒ tal-Unjoni ☒ u l-kontroll tal-prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni ☒

↓ 2007/23/KE

~~1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri adegwati kollha sabiex jiżguraw li l-oġġetti pirotekniċi, jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk, meta jkunu korrettament maħżuna u użati għall-għan li huma jkunu maħsuba għalih, huma ma jkunux ta' periklu għas-saħħa u għas-sikurezza tal-persuni.~~

~~2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu spezzjonijiet regolari tal-oġġetti pirotekniċi mad-dħul tagħhom fil-Komunità u fis-siti fejn jiġu maħżuna u manifatturati.~~

~~3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri adegwati sabiex jiżguraw li meta oġġetti pirotekniċi jiġu trasferiti fil-Komunità, jiġu rispettati r-rekwiżiti, imposti minn din id-Direttiva, ta' sikurezza u sigurtà pubblika u ta' protezzjoni.~~

~~4. L-Istati Membri għandhom jorganizzaw u jagħmlu sorveljanza adegwata fuq il-prodotti mqiegħda fis-suq filwaqt li titqies adegwatament il-preżunzjoni tal-konformità tal-prodotti li jkollhom il-marka CE.~~

↓ ġdid

1. L-Artikoli 15(3) u l-Artikoli minn 16 sa 29 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 għandhom japplikaw għall-oġġetti pirotekniċi.

↓ 2007/23/KE

52. L-Istati Membri għandhom jinformat lill-Kummissjoni kull sena dwar l-attivitajiet tagħhom ta' sorveljanza tas-suq.

~~6. Fejn Stat Membru jaċċerta ruħu li xi oġġett pirotekniku, li jkollu l-marka CE, akkumpanjat mid-dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE u użat skond l-għan li jkun maħsub għalih, jista' jipperikola s-saħħa u s-sikurezza tal-persuni, huwa għandu jieħu l-miżuri provviżorji adegwati kollha sabiex jirtira dak l-oġġett mis-suq, jipprojbixxi t-tqegħid tiegħu fis-suq jew jirrestrinġi l-moviment liberu tiegħu. L-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'dan.~~

~~7. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fuq il-websajt tagħha l-ismijiet ta' l-oġġetti li, skond il-paragrafu 6, ikunu ġew irtirati mis-suq, ikunu ġew ipprojbiti jew ikollhom jitqiegħdu fis-suq suġġetti għal xi restrizzjoni.~~

↓ 2007/23/KE (adattat)
⇒ ġdid

~~Artikolu 3815~~ [l-Artikolu R31 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE] ~~Informazzjoni rapida dwar prodotti~~ ~~Proċedura dwar it-trattament ta' oġġetti pirotekniċi~~ ~~li jippreżentaw~~ ~~riski serji~~ ~~riskju fuq livell nazzjonali~~

1. Fejn Stat Membru jkollu l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru wieħed ⇒ ħadu azzjoni skont l-Artikolu 20 (KE) Nru 765/2008, ⇐ jow fejn għandhom raġunijiet suffiċjenti sabiex jemmen li xi oġġett pirotekniku jippreżenta riskju għas-saħħa u/jew is-sikurezza tal-persuni ⇒ jow għal xi aspetti oħra ta' interess pubbliku ta' protezzjoni koperti b'din id-Direttiva, ⇐ fil-Komunità, huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'dan u ⇒ huma għandhom iwettqu jagħmel evalwazzjoni adegwata ⇒ fir-rigward tal-oġġett pirotekniku konċernat li jkopri r-rekwiżiti kollha stabbiliti f'din id-Direttiva. L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jikkooperaw skont kif ikun meħtieġ mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ⇐. ~~Huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bl-isfond u bir-risultati ta' l-evalwazzjoni~~

↓ ġdid

Fejn, tul dik l-evalwazzjoni, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq isibu li l-oġġett pirotekniku ma jkunx konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva, huma

għandhom mingħajr dewmien jeżiġu li l-operatur ekonomiku rilevanti jieħu l-azzjoni korrettiva kollha xierqa biex l-oġġett pirotekniku jsir konformi ma' dawk ir-rekwiżiti, li jirtira l-oġġett pirotekniku mis-suq jew li jieħdu lura fi żmien raġonevoli li jkun jaqbel man-natura tar-riskju, skont kif jistabbilixxu.

L-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jinfurmaw lill-korp notifikat rilevanti kif meħtieġ.

L-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 għandu japplika għall-miżuri msemmija fit-tieni subparagrafu.

2. Fejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq iqisu li n-nuqqas ta' konformità mhuwiex ristrett biss għat-territorju nazzjonali tagħhom, dawn għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar ir-riżultati tal-evalwazzjoni u dwar l-azzjonijiet li huma rabtu lill-operatur li jieħu.
3. L-operatur ekonomiku għandu jiżgura li jittieħdu l-azzjonijiet korrettivi xierqa kollha fir-rigward tal-oġġetti pirotekniċi kollha konċernati li huwa jkun għamel disponibbli fis-suq fl-Unjoni kollha.
4. Fejn l-operatur ekonomiku rilevanti ma jiħux azzjoni korrettiva adegwata fil-perjodu ta' żmien imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jieħdu l-miżuri provviżorji xierqa kollha biex jipprojbixxu jew jillimitaw li l-oġġetti pirotekniċi li jsiru disponibbli fis-suq nazzjonali tagħhom, biex l-oġġett pirotekniku jiġi irtirat minn dak is-suq jew biex dan jittieħed lura.

L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, mingħajr dewmien, dwar dawk il-miżuri.

5. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 għandha tinkludi d-dettalji disponibbli kollha, partikolarment id-data neċessarja għall-identifikazzjoni tal-oġġett pirotekniku li mhux konformi, l-oġġett pirotekniku, in-natura tal-allegat nuqqas ta' konformità u r-riskju involut, in-natura u l-perjodu tal-miżuri nazzjonali li jkunu ttieħdu u l-argumenti mressqa mill-operatur ekonomiku rilevanti. B'mod partikolari, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jindikaw jekk in-nuqqas ta' konformità jkunx dovut għal xi waħda mir-raġunijiet li ġejjin:
 - (a) in-nuqqas tal-oġġett pirotekniku li jissodisfa r-rekwiżiti relatati mas-saħħa jew is-sikurezza ta' persuni jew ma' aspetti oħra ta' protezzjoni ta' interess pubbliku stabbiliti f'din id-Direttiva;
 - (b) nuqqasijiet fl-istandards armonizzati msemmija fl-Artikolu 15 li jikkonferixxu preżunzjoni tal-konformità.
6. L-Istati Membri, barra mill-Istat Membru li jkun beda l-proċedura, għandhom, mingħajr dewmien, jgħarrfu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'kull miżura adottata u kull informazzjoni addizzjonali fuq in-nuqqas tal-konformità tal-oġġett pirotekniku kkonċernat għad-dispożizzjoni tagħhom, u, jekk ma jkunx hemm qbil fuq il-miżura nazzjonali notifikata, dwar l-oġġezzjonijiet tagħhom.

7. Fejn, fi żmien tliet xhur minn meta tasal l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4, ma tkun saret ebda oġġezzjoni minn xi Stat Membru jew mill-Kummissjoni fuq miżura provviżorja meħuda minn Stat Membru, dik il-miżura għandha titqies li tkun ġustifikata.
8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri restrittivi adegwati fir-rigward tal-oġġett pirotekniku kkonċernat mingħajr dewmien.

↓ 2007/23/KE (adattat)
⇒ ġdid

*Artikolu ~~1639~~ [l-Artikolu R32 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]
 Proċedura ~~Klawża~~ ta' salvagwardja tal-Unjoni*

1. ~~Fejn Stat Membru ma jaqbilx mal-miżuri provviżorji meħuda minn Stat Membru ieħor skond l-Artikolu 14(6)~~ Jekk wara t-tlestija tal-proċedura tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 38(3) u (4), jitressqu oġġezzjonijiet kontra l-miżuri meħuda minn Stat Membru, jew fejn il-Kummissjoni tikkunsidra li miżuri bħal dawn imorru kontra l-leġiżlazzjoni ~~Komunitarja~~ tal-Unjoni , il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, ~~tikkonsulta~~ tidħol f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u l-operatur(i) ekonomiku/ċi rilevanti u għandha tevalwa l-miżura nazzjonali. Abbażi tar-riżultati ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha ⇒ tiddeċiedi ⇐ jekk il-miżura nazzjonali hix ġustifikata jew le ~~mal-partijiet kollha kkonċernati, tevalwa l-miżuri u tiegħu pożizzjoni dwar jekk il-miżuri ikunux ġustifikati jew le. Il-Kummissjoni għandha tarva lill-Istati Membri dwar il-pożizzjoni tagħha u tinforma lill-partijiet interessati.~~

↓ ġdid

Il-Kummissjoni għandha tindirizza d-deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri kollha u għandha tikkomunikaha minnufih lilhom u lill-operatur(i) ekonomiku/ċi rilevanti.

↓ 2007/23/KE (adattat)
⇒ ġdid

2. Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li l-miżura nazzjonali ~~ikun~~ tkun ikkunsidrata ġustifikata, l-Istati Membri ~~ieħra~~ kollha għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li l-oġġett ~~perikoluż~~ li jikkonformax jiġi ritirat mis-suq nazzjonali tagħhom u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni ~~bidan~~ kif inhu xieraq . Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li l-miżura nazzjonali ~~ma jkun~~ titqies mhix ġustifikata, l-Istat Membru kkonċernat għandu jirtira ~~hom~~ l-miżura .
23. Fejn il-miżura ~~provviżorja~~ nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1 titqies ġustifikata u n-nuqqas ta' konformità tal-oġġett pirotekniku jinstab kien

~~minħabba \otimes ikun bbażati fuqxi nuqqas f \otimes l-i \otimes -standards armonizzati \otimes msemmija fl-Artikolu 15 ta' din id-Direttiva \otimes , il-Kummissjoni għandha \Rightarrow tapplika l-proċedura stipulata fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru [...] [dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea] \Leftarrow għandha tiriferi l-kwistjoni lill-Kumitat Permanenti mwaqqaf mid-Direttiva 98/34/KE jekk l-Istat Membru li ta bidu lill-miżuri jżomm il-pożizzjoni tiegħu, u l-Kummissjoni jew dak l-Istat Membru għandhom jibdew il-proċedura msemmija fl-Artikolu 8.~~

~~3. Fejn xi oġġett pirotekniku ma jikkonforma iżda jkollu l-marka CE, l-Istat Membru kompetenti għandu jieħu azzjoni adegwata kontra kull min waħħal il-marka u għandu jinforma b'dan lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra.~~

↓ ġdid

Artikolu 40 [l-Artikolu R33 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]

Oġġetti pirotekniċi konformi li jippreżentaw riskju għas-saħħa u s-sikurezza

1. Fejn Stat Membru, wara li jkun għamel valutazzjoni taħt l-Artikolu 38(1), isib li, għalkemm l-oġġett pirotekniku jkun konformi ma' din id-Direttiva, ikun jippreżenta riskju għas-saħħa jew is-sikurezza tal-persuni jew għal aspetti oħra ta' protezzjoni ta' interess pubbliku, huwa għandu jeżiġi li l-operatur ekonomiku rilevanti jieħu l-miżuri xierqa kollha biex jassigura li l-oġġett pirotekniku kkonċernat, meta jitqiegħed fis-suq, ma jippreżentax aktar dak ir-riskju jew jirtira l-oġġett pirotekniku jew jieħdu lura mis-suq fi żmien perjodu raġonevoli li jkun jaqbel man-natura tar-riskju, skont kif hu jstabbilixxi.
2. L-operatur ekonomiku għandu jassigura li tittieħed azzjoni korrettiva fir-rigward tal-oġġetti pirotekniċi kollha li huwa jkun għamel disponibbli fis-suq fil-Unjoni kollha.
3. L-Istat Membru għandu jgħarraf minnufih lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi d-dettalji kollha disponibbli, partikolarment id-dejta meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-oġġett pirotekniku kkonċernat, l-oriġini u l-katina ta' provvista tal-prodott, in-natura tar-riskju involut u n-natura u t-tul ta' żmien tal-miżuri nazzjonali meħuda.
4. Il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tidħol f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u mal-operatur jew operatori ekonomiċi rilevanti u għandha tevalwa tal-miżuri nazzjonali meħuda. Abbażi tar-riżultati ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk il-miżura tkunx ġustifikata jew le, u fejn ikun meħtieġ, tipproponi miżuri adegwati.
5. Il-Kummissjoni għandha tindirizza d-deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri kollha u għandha tikkomunikaha minnufih lilhom u lill-operatur(i) ekonomiku/ċi rilevanti.

*Artikolu 41 [l-Artikolu R34 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]
Nuqqas ta' konformità formali*

1. Bla ħsara għall-Artikolu 38, meta Stat Membru jagħmel xi waħda mill-iskoperti li ġejjin, huwa għandu jeżiġi li l-operatur ekonomiku rilevanti jwaqqaf in-nuqqas fir-rigward tal-konformità kkonċernata:
 - (a) il-marka CE tkun twaħħlet bi ksur tal-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 jew tal-Artikolu 20 ta' din id-Direttiva;
 - (b) il-marka CE ma tkunx twaħħlet;
 - (c) id-dikjarazzjoni tal-UE ta' konformità ma tkunx saret;
 - (d) id-dikjarazzjoni tal-UE ta' konformità ma tkunx saret b'mod korrett;
 - (e) id-dokumentazzjoni teknika ma tkunx disponibbli jew ma tkunx kompleta.
2. Fejn jippersisti n-nuqqas ta' konformità msemmi fil-paragrafu 1, l-Istat Membru konċernat għandu jieħu l-miżuri xierqa kollha biex jillimita jew jipprojbixxi li l-oġġett pirotekniku jsir disponibbli fis-suq jew jassigura li dan jittieħed lura jew jiġi irtirat mis-suq.

↓ 2007/23/KE

~~Artikolu 17~~

~~Il-miżuri li jinvolvu rifjut jew restrizzjoni~~

~~1. Kwalunkwe miżura li tittieħed skont din id-Direttiva,~~

~~(a) sabiex tipprojbixxi jew tirrestrinġi t-tqegħid fis-suq ta' prodott; jew~~

~~(b) sabiex tirtira prodott mis-suq;~~

~~għandha tistqarr ir-raġunijiet eżatti fuq x'hiex tkun ibbażata. Miżuri bħal dawn għandhom jiġu notifikati mingħajr dewmien lill-parti konċernata, li fl-istess ħin għandha tiġi informata bir-rimedji disponibbli lilha skond il-liġi nazzjonali ta' l-Istat Membru konċernat, u bil-limiti ta' żmien li għalihom dawn ir-rimedji jkunu suġġetti.~~

~~2. Fil-każ ta' miżura msemmija fil-paragrafu 1, il-parti konċernata għandha jkollha l-opportunità li tressaq il-fehmiet tagħha bil-quddiem, ħliet meta konsultazzjoni bħal din ma tkunx possibbli minħabba l-urġenza tal-miżura li jkollha tittieħed, skond kif ikun ġustifikat b'mod partikolari minn rekwiżiti ta' saħħa jew sikurezza pubblika.~~

Kapitolu 6

☒ Is-setgħat iddelegati u dawk ta' implimentazzjoni ☒

Artikolu ~~18~~42

Miżuri implimentattivi ☒ Is-setgħa ddelegata ☒

~~1. Il miżuri li għejjin, imfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, inter alia billi jissupplimentawha biż-żieda ta' elementi mhux essenzjali ġodda, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 19(2) ⇒ Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tadotta l-atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu 46 li jikkonċernaw ⇐:~~

- (a) ☒ l-identifikazzjoni tal-oġġetti pirotekniċi msemmija fl-Artikolu 3(1) abbażi tar-
☒ ~~adattamenti neċessarji sabiex titqies kwalunkwe emenda fil-futur magħmula~~
~~li~~ rakkomandazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti ☒ dwar it-trasport ta' oġġetti
perikolużi ☒;

- (b) adattamenti għall-progress tekniku tal-Annessi II ~~u III~~;
- (c) adattamenti tar-rekwiżiti tal-ittikkettjar stabbiliti fl-Artikoli ~~129~~ u ~~1310~~.

Artikolu 43

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa li tadotta atti delegati hija kkonferita lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.
2. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 42 se tingħata għal perjodu ta' żmien indeterminat mill-~~[...]~~ *[Daħħal data – id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*.
3. Id-delega tas-setgħat msemmija fl-Artikolu 42 tista' tiġi rrevokata f'kull waqt mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ġġib fi tmiemha d-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew data aktar tard speċifikata hemmhekk. Ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati diġà fis-seħħ.

4. Malli hija tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 42 għandu jidħol biss fis-seħħ jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jqajmu oġġezzjoni. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn bl-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew il-Kunsill.

Artikolu 44

Setgħat ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tadotta l-atti ta' implimentazzjoni sabiex ikunu stabbiliti dawn li ġejjin:

↓ 2007/23/KE

~~2. Il-miżuri li ġejjin għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 19(3)~~

↓ 2007/23/KE (adattat)

- (a) ~~it-twaqqif ta' sistema ta'~~ rintraċċament inkluż numru ta' reġistrazzjoni u reġistru fil-livell tal-UE Unjoni sabiex ikunu identifikati t-tipi ta' oġġetti pirotekniċi u l-manifattur tagħhom;
- (b) ~~it-tfassil ta'~~ kriterji komuni għall-ġbir u għall-aġġornament regolari ta' dejta dwar inċidenti relatati mal-użu ta' oġġetti pirotekniċi.

↓ ġdid

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura tal-eżami msemmija fl-Artikolu 45(2).

↓ 2007/23/KE (adattat)

Artikolu ~~45~~

